**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 29 ta' Ottubru, 2024

Rikors Ġuramentat: 180/17AL

**A B C**

**vs.**

**D C**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru 1495/1986)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1.

*1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-wieħed u tletin (31) ta' Awissu, elf disgħa mija sitta u tmenin (1986) u minn dan iz-zwieg twieldu tlett t'itfal, illum maggorenni (ara ċertifikat taż-żwieġ hawn Bss u mmarkat bħala Dok A);*

*2. Illi z-zwieg ta' bejnithom tfarrak u tkisser irremedjabbilment minhabba adulterju, eccessi, minacci, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet ohra validi fil-Ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibili u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skond il-Ligi, bi htija imputabbli unikament tal-konvenut;*

*3. Illi minhabba dawn ir-ragunijiet imputabbli lill-konvenut li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali, l-esponenti kienet kostretta li titlaq mid-dar matrimonjali;*

*4. Illi ghalhekk il-hajja konjugali m'għadhiex aktar possibli;*

*5. Illi l-partijiet gew debitament awotrizzati biex jipprocedu f'din l-istanza permezz ta' digrieti moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 30 ta' Mejju 2017 (Ara digriet hawn Bss u mmarkat bħala Dok B);*

*6. Illi l-fatti hawn ddikjarati tafhom hi personalment;*

*Jghid ghalhekk l-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti u konsegwentement konsegwentement tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut;*

*2. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tieghu mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew minn pensjoni illi qed jircievi l-intimat u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-*

*konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti;*

*3. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment mingħand l-esponenti;*

*4. Tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikolu 48 et. seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51, sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*5. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lil-konvenut, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;*

*6. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.*

*7. Tordna l-bejgħ tad-dar matrimonjali 'HoneyValley Residence', Apartment one, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta;*

*8. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjez u imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt, minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-attriċi;

Rat id-digriet tat-30 ta' Mejju 2017[2] li bih il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża u dan fit-termini mposti mill-liġi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut[3] fejn eċċepixxa:

*1. Illi l-esponent jissottometti li huwa ma jahti bl-ebda mod ghall-firda ta' bejn il-kontendenti u konsegwentement ghalkemm qieghed jaqbel illi ghandha tigi ppununzjata s-separazzjoni bejn il-partijiet din ghandha tigi hekk ipponunzjata kawza ta' nuqassijiet attribwibbli lill-attrici.*

*2. Illi l-esponent m'huwa hati ta' l-ebda sevizzi, eccessi, minacci u ingurji izda hija ir-rikorrenti li qabdet u abbandunat lill-esponenti u telqet mid-dar matrimonjali minghajr ebda raguni valida.*

*3. Illi għalhekk l-esponent qieghed jopponi ghat-tieni, u r-raba', hekk kif maghmula fir-rikors promotur. Apparti minn hekk ghal dak li jikkoncerna t-tieni talba u cioe ghall-manteniment jigi rilevat illi l-attrici dejjem hadmet kif attwalment ghadha taghmel sa' llum fuq bazi 'full time' b'paga simili ghal dik tal-konvenut. Apparti minn hekk it-tfal huma kollha maggorenni.*

*4. Illi dwar it-tielet talba jigi rilevat illi, peress illi l-konvenut jahdem, qatt ma ppretenda manteniment minghand l-attrici.*

*5. Illi l-esponent ma jopponix ghal-hames talba, purche lis-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48, 51 sa 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jigu applikati kontra l-attrici u mhux kontra tieghu.*

*6. Illi l-esponent jopponi ghas-sitt talba u dan stante illi l-attrici m'għandha l-ebda proprjeta' parafernali jew dotali fil-pussess tal-konvenut.*

*7. Illi l-esponent ma jopponix ghas-seba' talba purche illi jithalla jghix fid-dar matrimonjali sakemm it-tifal iz-zghir li ghadu jghix mal-konvenut ikun jista' jistabbilixxi ruhu band'ohra.*

---

[2] Fol. 7.
[3] Fol. 15.

*8. Illi l-esponent ma jopponix ghat-tmien talba.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenut;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru 1495/1986;[4]

Rat il-verbal tat-23 ta' Novembru 2017[5] fejn il-Qorti ħatret lil Dr Abigail Critien bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi kollha f'din il-kawża u l-verbal tat-30 ta' Mejju 2023[6] fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr Abigail Critien *stante* li din ġiet elevata għall-Maġistratura u ssostitwitha b'Dr Marita Pace Dimech bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat is-sentenza *in parte* mogħtija fil-kawża odjerna fl-20 ta' Frar 2020, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi u *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Abigail Critien u mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Marita Pace Dimech, ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[7]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;[8]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[9]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

---

[4] Fol. 6.

[5] Fol. 18.

[6] Fol. 1412.

[7] Fol. 1452.

[8] Fol. 1496.

[9] Verbal tad-29 ta' Ottubru 2024.

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimeddjabbilment minħabba adulterju, eċċessi, minaċċi, sevizzi, theddid u offiżi gravi, fost affarijiet oħra validi fil-Liġi kommessi kontriha minn naħa tal-konvenut. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taz-zwieġ minħabba raġunijiet indikati fir-rikors ġuramentat odjern u li abbażi tagħhom qiegħda titlob il-firda personali;

2. Tillikwida ammont ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli lilha mill-konvenut, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħandha;

3. Ixxolji, tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet f'żewġ ishma mhux neċessarjament ugwali u tassenja dak is-sehem illi jmissha kull parti *ai termini* tal-istess filwaqt li tiddikjara liem huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tagħha u tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lilha tali beni fi żmien qasir u perentorju;

4. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali maħsuba fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 u tapplika kontrih id-dekadenzi stipulati;

5. Tordna l-bejgħ tad-dar matrimonjali *Honey Valley Residence, Apartment 1, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta.*

Min-naħa l-oħra, l-konvenut, filwaqt li jiddikjara li jaqbel mal-pronunzjament tas-separazzjoni personali, jiċħad dak attribwit lilu u jsostni li s-separazzjoni għandha tkun pronunzjata kawża ta' nuqqasijiet

attribwibbli lill-attriċi u joġġezzjona għall-maġġoranza tat-talbiet fosthom, ir-responsabbilità għat-tifrik taż-żwieġ, l-għoti tal-manteniment lill-attriċi, l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet u r-radd lura tal-beni parafernali lill-attriċi u ma jopponix li d-dar matrimonjali tinbiegħ iżda jitlob li jitħalla jgħix fid-dar sakemm it-tifel iż-żgħir ikun jista' jistabbilixxi ruħu band'oħra.

2. **Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:**

*a. <u>Verzjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenut:</u>*

L-attriċi tixhed permezz ta' affidavit intavolat waqt is-seduta tal-5 ta' Ġunju 2018[10]. Hija tgħid li huma ltaqgħu meta hi kellha sittax (16)-il sena u l-konvenut kellu sbatax (17)-il sena u damu għarajjes erba' (4) snin u nofs. Tgħid li matul dan iż-żmien ta' għerusija kienet titqajjem il-kwistjoni tal-*flirting* ma' tfajliet oħra u kien hemm drabi fejn hija kienet tgħid lill-konvenut sabiex jagħżel bejnha u t-tfajla li jkun qed jagħtiha l-attenzjoni iżda hu dejjem kien jgħid li jrid ikun magħha. Eventwalment dan l-aġir kien qisu waqaf, għall-inqas quddiemha, u tgħid li kienu mġienen fuq xulxin u żżewwġu fil-31 ta' Awwissu 1986. Tispjega li l-ġenituri tagħha ħallsu għat-tieġ, marru *honeymoon* ġewwa Għawdex u mbagħad marru joqgħodu f'dar mikrija ġewwa Ħal Lija.

Tgħid li wara li żżewwġu, l-konvenut donnu nbidel, fejn kien iħalliha torqod weħedha sakemm hu jkun jara t-television waħdu u jirritorna d-dar tard ħafna bil-lejl jew kmieni filgħodu wara x-xogħol. Tirrakkonta li kienet tibki ħafna u tinkwieta bil-lejl li ġralu xi ħaġa u toqgħod titlob ir-rużarju sabiex tikkalma. Tgħid li ma' sħabu kien joqgħod jirrakkonta episodji li jinvolvu nisa oħra u li hi bdiet tissuspetta ħażin sakemm bdew jiġru inċidenti li kienu iktar jikkonfermawlha s-suspetti tagħha iżda l-konvenut dejjem ċaħad kollox.

Issemmi inċident li tgħid li seħħ madwar sena u nofs wara t-tieġ meta ċemplet lill-konvenut u semgħet konversazzjoni fejn il-konvenut kien qed isemmi mara li kienet iċċempillu u tgħidlu kemm timmisjah, u vuċi ta' mara semgħetha tgħidlu "*it's up to you what to do.*" Sabet ukoll PO Box

[10] Fol. 908.

number miktub fuq biċċa karta u għalkemm staqsiet lill-konvenut hux qed jirċievi l-posta hemm hu ċaħad dan. Issemmi inċident ieħor li ġara madwar tliet xhur wara ż-żwieġ meta l-konvenut kien għamel madwar tliet ijiem ma jersaqx lejn id-dar u fejn l-attriċi ma semgħetx b'aħbaru. Tgħid li ma tafx kif għaddew dawk it-tliet ijiem u meta ġie lura qalilha li jrid li jitkellmu u li kien għaddej minn żmien ħażin u li ma jafx iridx jibqa' magħha jew le. Qalilha sabiex tmur miegħu jitkellmu ma' Dun Karm Farrugia u assiguraha li ma kienx hemm terza persuna nvoluta. Tispjega li kien għamel tliet ijiem oħra hekk u kienet tħossu distanti ħafna. Tgħid li Dun Karm bagħtu għand qassis iktar speċjalizzat u hi kienet baqgħet tkellem lil Dun Karm minħabba l-uġigħ li kienet qed tħoss minħabba fih. Skopriet ukoll li kien qed jieħu l-*leave* meta hi tkun mingħaliha qiegħed ix-xogħol.

Tgħid li l-konvenut lanqas kien jgħin fid-dar u bit-tfal. Tispjega li saħansitra qabel il-festin tal-magħmudija tal-ewwel wild, kien qagħad idur b'koppja barranija li kien jgħid li huma ħbieb li għamel mix-xogħol tiegħu fil-lukanda li kien jaħdem fiha u ħalliha tipprepara kollox weħedha. Kellhom tliet itfal u tgħid li baqa' hekk. Skopriet ukoll li kien qed jilgħab fis-*slot machines* u li kien anke ħa xi flus mill-kontijiet tat-tfal li qatt ma rritorna. Tgħid li wara x-xogħol kien jintefa fuq is-sufan u ma jqumx tant li darba ħaditlu l-ħin u kien għamel sitta u tletin (36) siegħa fuq is-sufan. Meta kienet titolbu jgħinha tgħid li kien jgħidilha "*Dak xoghlok. Jien xogħol immur nahdem.*" Tgħid li l-ħajja ma kinitx faċli bi tliet itfal f'perjodu ta' tliet snin speċjalment meta l-konvenut kien beda jkun abbużiv fi kliemu u f'għemilu magħha. Tgħid li saħansitra lanqas qagħad id-dar fit-tliet ijiem ta' *paid leave* li l-ġenituri jkollhom wara li titwieled tarbija u kien jgħidilha li issa tmur ommha tgħinha. Tgħid li fil-fatt kienet tistaqsih għalfejn kien ried jiżżewweġ jekk ma riedx jieħu fuqu r-responsabbilitajiet taż-żwieġ, iżda hu kien ibiddel is-suġġett.

Tispjega li mbagħad madwar is-snin 1995-1996, meta t-tfal kienu għadhom żgħar, il-konvenut telaq mill-lukanda li kien jaħdem fiha u beda jaħdem f'ħanut tal-*istationery* li kien ta' ħuħ E, ħdejn id-dar li kellhom f'San Pawl tat-Tarġa. Tgħid li ħadem ħafna biex irranġah iżda li ma tantx kien qed jagħmel flus minnu. Tirrakkonta li kienu wirtu tliet elef liri Maltin (Lm3,000) mingħand ommu li ddepożitaw f'kont *joint* iżda li meta

marret tiġbed minnu qalulha li ma kienx baqa' flus u skopriet li kien ħallas *suppliers* tal-*istationery* minnu meta l-ħanut lanqas kien tiegħu. Tgħid li hemm ma baqgħetx tafda lill-konvenut bil-flus u fetħet kont għaliha.

Tgħid li qatt ma kien ikollha ħin weħedha għaliex qatt ma kien joħroġ lit-tfal waħdu u kien ikun irid li joqgħodu d-dar jaraw il-futbol sektin biex ma jitlifx kelma. Tgħid li dan kien ovjament impossibli bi tliet itfal u li kien iwaħħal fiha li ma hix kapaċi żżommhom kwieti bi kliem bħal "*M'inti kapaċi għal xejn!*" Tgħid li fil-fatt imbagħad kienet xtratlu radju biex isegwi l-futbol anke meta jkunu barra u fil-waqt li hu kien ikun jisma' r-radju hi kienet toqgħod tilgħab mat-tfal.

Tispjega li maż-żmien bdiet tinqata' minn miegħu minħabba li ma kienx iqatta' ħin magħha u minħabba l-attitudni tiegħu iżda kienet titolbu biex ta' lanqas jilgħab mat-tfal. Madanakollu tirrakkonta li ħafna drabi dan kien jispiċċa ħażin u anke jsawwat u jgħajjat mat-tfal speċjalment mat-tifel F li kien l-iktar wieħed imqarqaċ. Maż-żmien tgħid li sar iktar vjolenti u beda jsawwat lilha wkoll u jgħajjat mat-tfal kontinwament. F kien ibati l-iktar mill-aġir ta' missieru u darba saħansitra t-tifel irraporta lil missieru, u l-avukat tal-konvenut il-Qorti qal li din kienet biss ġlieda normali bejn *teenager* u missieru u tgħid li hi tant ħassitha *overwhelmed* li ma tkellmitx fil-Qorti u F qatt ma ħafrilha li dakinhar ma tkellmitx għalih. Lit-tifel imbagħad bdiet tieħdu għand il-psikologa Dr Claudette Portelli. Tirrakkonta wkoll li meta t-tifel l-ieħor G kellu madwar erbatax (14)-il sena l-konvenut kien qabdu f'rabja u sabbtu mal-ħajt u laqatlu għajnejh u t-tifel kellu tbenġila. F kien jgħidilha li ġieli staqsewhom l-għalliema fuq it-tbenġil imma li qatt ma qalulhom il-verità. Tgħid li ovjament dan kien sors kbir ta' ġlied bejniethom u li l-konvenut kien jirrispondiha "*Jekk ma joghgbux jitlaq 'il barra!! M'ghandix bzonnu hawn!!*" Tgħid li dan il-kliem it-tifel kien semgħu u ħareġ jibki mill-kamra tiegħu u telaq il-barra.

Tgħid li l-konvenut kien jinfluwenza ħafna ruħu minn dak li jgħidu n-nies tant li ma kienx attenda l-griżma ta' F għaliex is-sekonda kuġina tagħha kienet qaltlu kontra l-qassis li kien ser jiċċelebra l-quddiesa. Tirrakkonta li hi qatt ma kienet tgħid lill-familja tagħha b'dak li għaddejja minnu u ma kinitx taf xi trid tagħmel biex toħroġ minn dan iż-żwieġ u ma kinitx

timmaġinaha toħroġ lit-tfal minn darhom. Il-qagħda finanzjarja ukoll tgħid li kienet ħażina fejn il-konvenut kien jirrifjuta li juriha l-*payslip* u jagħtiha flus b'kemm tgħaddi bit-tfal u jekk tissogra ssaqsih għal iktar jibda l-abbuż. Tgħid li kien jgħajjarha li tonfoq ħafna u li kellha tieħu *loans* żgħar mingħand oħtha u l-ġara għaliex ma kinitx tkun tista' tlaħħaq bil-flus. Tgħid li dawn ħallsithom lura meta bdiet taħdem iżda li qatt ma kienet tispjegalhom għalxiex kellha bżonn il-flus.

Tgħid li minħabba f'dan ħasset li kellha tibda taħdem u fl-1994 bdiet taħdem ma' żewġha fil-ħanut iżda minħabba li ma kienx jagħtiha flus sabet xogħol f'*kindergarten* u mbagħad bdiet taħdem ta' LSA u anke kisbet diploma ta' LSA mill-Università ta' Malta u eventwalment bdiet taħdem mal-gvern fi skola sekondarja. Min-naħa l-oħra, peress li l-ħanut ma kienx sejjer tajjeb, il-konvenut reġa' sab xogħol f'lukanda u reġa' beda bl-istess aġir bħal meta kien jaħdem qabel f'lukanda sakemm imbagħad sab xogħol ġewwa *Oxford House* u kellu ħinijiet stabbli. Meta kien jasal ftit kmieni mix-xogħol kien joqgħod mat-tfal sakemm tasal hi iżda meta kienet tirritorna kienet issibhom imsakkrin f'kamarthom għaliex kien jgħidilha li ma kienux ikunu qed jobdu.

Tirrakkonta li ma kien faċli xejn tieħu ħsieb familja, tistudja u taħdem u kien beda jagħtiha attakki ta' paniku u għalkemm għall-ewwel fittxet għajnuna permezz ta' omjopatija, l-ansjetà żdiedet sew u kellha tmur għand Dr David Tanti, t-tabib tal-familja. Eventwalment tgħid li gradwat imma l-konvenut ma kienx kuntent għaliha u ma feraħx magħha tant li lanqas ried imur iċ-ċerimonja tal-gradwazzjoni tant li mbagħad mar bil-geddum u lanqas taha ċans tieħu ritratti ma sħabha fl-aħħar taċ-ċerimonja.

Tgħid li wara li gradwat ħasset li għandha tkompli tistudja u applikat għal *Master's Degree in Inclusive Education/Special Needs* u ħadet *loan* li ħallset kull xahar mill-paga tagħha. Dan kollu tgħid li kellha tagħmlu mal-ġiri kollu li kellha tat-tfal. Tgħid li meta mbagħad filgħaxija t-tfal kienu jorqdu u tkun lestiet ix-xogħol tad-dar kienet tibda l-*assignments*. Tgħid li l-konvenut kien jordnalha ssajjarlu għax kien jgħidilha li dak xogħolha u meta kienet tgħidlu biex kultant isajjar hu kien isir aggressiv magħha. Tgħid li sadanittant hu kien ikun fuq is-sufan u darba kellha

tmur tiġbor lit-tfal tard bil-lejl u staqsietu jagħtiha l-*mobile* għal li jista jkun jinqala' xi ħaġa u hu kien irrifjuta. Tgħid li għalkemm kienet fis-seba' sema meta gradwat, il-ferħ ma damx għaliex il-konvenut mil-ewwel qalilha li ma kienux jaffordjaw imorru għaċ-ċerimonja ġewwa l-Ingilterra u għalhekk irċeviet iċ-ċertifikat bil-posta u hu ma ried jiċċelebra bl-ebda mod tant li biex jagħlqilha ħalqha taha kartolina li tagħtu lura għaliex kienet sfurzata. Tgħid li kien anke jikkmandaha tagħmillu affarijiet bħal mogħdija u qabel tagħmilhomlu ma kienx iħalliha kwieta, saħansitra kien jimbuttaha fiżikament.

Tixhed li għalkemm għall-ewwel il-vjolenza kienet fuq it-tfal imbagħad kienet saret ħaġa ta' kuljum magħha u mbagħad jew jgħid li kienet ċajta, jew jgħid li kien tort tagħha. Tgħid li kien jgħajjat ħafna u jgħajjarha bi kliem bħal "*int sahta minn Alla*!", "*qahba*" "*injoranta*", *etc*. Kien anke jagħmel mossi oxxenni u dan anke quddiem it-tfal.

Tirrakkonta kif darba sawwatha sew fil-karozza s-Sibt filgħaxija għaliex hi riedet toħroġ bit-tfal u hu ried jibqa' d-dar u drabi oħra jispiċċa jgħajjat u jidgħi meta hi u t-tfal kienu jkunu jridu jibqgħu x'imkien u hu kien ikun irid jitlaq. Tirrakkonta inċident ieħor meta l-konvenut kien ħaxkina bejn il-cupboards tal-kċina u qalilha "*ser inkissirlek wiċċek*". Tgħid li għajtet lit-tifel u dan ġie jiġri u qallu "*Ghax din tirrabjani, it-tort taghha, ma tafx taghlaq halqha u tobdi*" Tgħid li kieku ma kienx it-tifel id-dar dakinhar ma tafx x'kien isir minnha.

Tgħid li meta kien ikun vjolenti magħha kienet tmur għand Fr Ray Farrugia li kien jieħu ħsieb il-kappella tas-Swatar u jmexxi laqgħat tal-Gruppi Familji Nsara li kienet tattendi hi. Tgħid li Fr Farrugia kien joqgħod jismagħha u jinkoraġġiha tagħmel rapporti mal-pulizija. Tgħid li kienet ukoll iċċempel lil oħtha. Tgħid li mbagħad darba bdiet itterter ħafna u taha attakk ta' paniku sew, tant li Dr David Tanti taha doża doppja ta' mediċina u tilqima biex jikkalmaha u minn dakinhar kellha tibda' tieħu l-mediċina għall-attakki ta' paniku. Tgħid li l-attakki kienu jaffetwawha fiżikament b'modi differenti u kultant kien ikollha toqgħod fis-sodda ġranet sħaħ u drabi oħra tidħol l-isptar tagħmel it-testijiet tad-demm u tal-qalb. Tgħid li ġiet referuta wkoll għand Dr Etienne Muscat, psikjatra u li fil-fatt issa ilha taħt il-kura tiegħu għal tmien (8) snin.

Tippreżenta wkoll rapport tal-istess psikjatra liema dokument huwa mmarkat bħala **Dok. CC1**[11]. Tgħid li Dr Muscat rreferiha wkoll għand psikologa u bdiet tmur għand Ms ChristiB Sullivan. Tgħid li kellha tmur spiss minħabba l-kundizzjoni li kienet fiha u li għalhekk minħabba l-qagħda finanzjarja tagħha bdiet minnflok tmur għand Dr Juan Baldacchino mill-Appoġġ.

Tirrakkonta li l-ewwel darba li telqet mid-dar kien fl-2010 meta kienet id-dar u kellha l-kelb ħdejha u dan beda jinbaħ. Tgħid li l-konvenut beda bħas-soltu jirrabja, jgħajjat u jidgħi u mbagħad taha daqqa fuq wiċċha. Tgħid li t-tfal kienu qed iħarsu, lanqas jissugraw jiċċaqalqu u hi bdiet tibki u t-tifel ċempel lil oħtha H biex tmur tiġborhom u dakinhar bdiet tgħidilha x'kien qed jiġri. Madanakollu kienet kull darba tirritorna biex ma tkissirx il-familja. Darba oħra madwar sentejn wara, waqt episodju ieħor ta' vjolenza ippakjat u telqet għand ommha u qalet lit-tfal fejn kienet biex ma jinkwetawx għaliex ma felħitx iktar u fl-2014 telqet għat-tielet darba. Tgħid li dik id-darba kienet marret is-Soreda Hotel u għalkemm serrħet ras it-tfal li kienet OK, ma kinitx qaltilhom fejn qiegħda għax beżgħet li l-konvenut isibha. Dakinhar tgħid li kienu marru sħabha jgħinuha I, J, I u L. Tgħid li jumejn wara kienu ltaqgħu hi u l-konvenut u li kienet aċċettat li tmur lura iżda l-affarijiet marru iktar għal l-agħar.

Tispjega li kienet imdejqa ħafna fid-dar ta' San Pawl tat-Tarġa fejn kienu joqgħodu iżda l-konvenut kien jinkwieta li ma jaslux finanzjarjament. Tgħid li mbagħad meta bnew madwarhom id-dar ġiet infestata mill-wirdien u kienet titwerwer. Kien ikollha anke *nightmares* minħabba fihom u għalkemm ġabu l-*pest control* xorta baqgħu bl-istess problema. Il-konvenut tgħid li ma kienx jifhem il-biża tagħha u baqa' jinsisti li ma jitilqux minn hemm. Tgħid li anke uġiegħ f'sidirha kien ikollha meta kienet issib il-wirdien. Tgħid li fl-aħħar irnexxielha tpoġġi d-dar għal bejgħ anke jekk il-konvenut kien jgħid li kien irid imut hemm u li żgur mhux ser ibaxxi l-prezz biex ibiegħu. Tgħid li spiċċat mardet mentalment tant li mbagħad meta ra l-qagħda tagħha l-konvenut aċċetta li jitilqu mill-post u jibdew jikru għaliex damu madwar sitt (6) snin biex ibiegħu d-dar.

[11] Fol. 939.

Tgħid li apparti l-vjolenza kellha tbati umiljazzjoni fejn issemmi l-inċident ta' meta sar infatwat bit-tifla tal-kuġina tagħha M meta hu kien jaħdem fil-ħanut tal-*istationery*.  Tgħid li mingħajr ma kien jgħidilha kien ħafna drabi jmur għand il-kuġina tagħha fejn kien ikun hemm M li dak iż-żmien kellha dsatax-(19) il sena.  Dan kienet issir tafu għaliex kienet tara l-karozza tiegħu jew it-tfal kienu jgħidulha li missierhom qiegħed għand "*Aunty N's house*".  Tgħid li għal l-ewwel ma tatx każ, però mbagħad bdiet tara li qed jagħtiha ħafna importanza u kif il-kuġina tagħha jew xi ħadd mill-familja kienu jitolbuh xi ħaġa kien imur jiġri u joqgħod hemm siegħat twal.  Tgħid li M kienet tieħu gost b'din l-attenzjoni  u li fil-fatt kienet tgħaddi siegħat sħaħ ħdejh il-ħanut u tgħid li l-konvenut imbagħad beda jmur għandha jgħinha fl-istudji tal-arti.  Tgħid li din ir-relazzjoni baqgħet għaddejja fit-tul u meta M bdiet toħroġ ma' raġel ieħor saħansitra tgħid li l-konvenut qalilha li hu mweġġa' ħafna.  Issemmi inċidenti oħra ta' *flirting* ma' nisa oħra u istanza meta l-konvenut kellu l-*mobile* miftuħ fuq *messenger* u kien qed jitkellem ma' mara li bdiet issemmilu partijiet minn ġisimha waqt li kienet qed tinħasel.  Tgħid li meta affrontatu bihom ħatafilha l-*mobile* u qalilha li normali li kulħadd jirċievi messaġġi ta' dak it-tip.

Tirrakkonta wkoll li fl-2004 il-konvenut sar possessiv ħafna tal-*mobile* tiegħu u mbagħad darba bdiet issib messaġġi minn mara li kienu jibdew fil-11.15pm sas-siegħat bikrin ta' filgħodu.  Għalkemm affrontatu huwa ċaħad u rrifjuta li jitkellem fuqha u mbagħad beda jħassar il-messaġġi mil-ewwel u joqgħod attent ħafna fejn iħalli l-*mobile*.  Minkejja li kien qed ikollha attakki ta' paniku minħabba f'dan, l-attriċi tgħid li ma qalet lil ħadd b'dawn il-messaġġi iżda ma bdietx tiekol u saret *paranoid*.  Tgħid li l-ansjetà tant żdiditilha li kellha ħafna problemi bl-istonku u spiċċat l-isptar kemm-il darba iżda fiżikament it-testijiet urew li ma kellha xejn ħażin u t-tobba kienu jgħidulha li probabbilment kien stress.

Tgħid li madwar tliet xhur/erba' wara, għamlet pjanijiet ma' bintha biex tmur iċ-ċinema u wara li qalet lill-konvenut b'dan sabet messaġġi mill-istess persuna, li kienet ħadet in-numru tagħha meta kienet sabet il-messaġġi, biex jiltaqgħu.  Għalkemm reġgħet ikkonfrontatu reġa' ċaħad kollox.  Tirrakkonta li f'Awwissu ta' dik is-sena ibbukjat *weekend break*

biex tipprova ġġib naqra ferħ iżda l-konvenut xejn ma deher ferħan bis-sorpriża u fil-fatt ma kienu intimi xejn fil-vaganza.

Fl-2007/2008, it-tifel F beda joħroġ ma' tfajla u wara madwar sentejn iltaqgħu mal-ġenituri tagħha. Tgħid li bdiet tinduna li l-konvenut beda juri interess f'ommha O P u li bdew jibgħatu l-messaġġi tard bil-lejl. Kien idum jibgħat il-messaġġi meta jkun fil-kamra tal-banju u jmur għal mixjiet twal. Meta sabet il-messaġġi bejnu u O fejn anke kien hemm il-kliem "*I love you",* uriethom lis-subien tagħha u F tnikket wisq. O weħħlet fil-konvenut li sfurzaha fir-relazzjoni. It-tifel kellu mbagħad jieqaf joħroġ mat-tifla tagħha. Ftit wara t-tifel G telaq mid-dar u mar jikri post waħdu, F rari kien ikun id-dar u Q saħanistra ħarbet mid-dar ftit qabel l-eżamijiet tal-A Levels.

Tgħid li tul iż-żwieġ kollu l-konvenut kien jara wkoll il-porn, iżda tant kien iġib skużi u jiċħad u jigdeb li waqfet tikkonfrontah għaliex kien kollu ta' xejn.

Tgħid li fl-2015 ir-relazzjoni tagħhom kienet iddeterjorat kompletament imma xorta ħasbet li jkun fl-aħjar interess tat-tfal li jgħixu flimkien u għalhekk xorta riedet li jixtru d-dar tal-Mosta. Madanakollu kienu jargumentaw bla waqfien għaliex tgħid li l-konvenut ried kollox kif jgħid hu. Meta daħlu fil-post il-ġdid il-vjolenza tgħid li kompliet. Tirrakkonta anke xenata li għamel f'nofs ikla tal-Milied quddiem il-familja tagħha tant li tgħid li l-familja tagħha qatt ma reġgħu żaruhom minn dakinhar u inċident ieħor meta xtaqet tmur l-*August Moon Ball* iżda hu intilef f'saħna ta' rabja u dagħa u tgħajjir minħabba li qalilha li dejjem tonfoq flushom.

Tgħid li flimkien marru għand is-Sinjura V Delicata imma li anke quddiemha kultant il-konvenut kien jinfexx f'rabja tant li irreferietu għal Mr Joe Mangion iżda mar biss darbtejn. Meta fl-2016 iddeċidiet li titlaq mid-dar, issemmi diversi persuni li kellmet biex jagħtuha sostenn fid-deċiżjoni tagħha, fosthom V Delicata stess, Roberta Lepre mill-*Victim Support Unit* u Elaine Compagno minn *SOAR*. Tgħid li uliedha tawha ħafna sostenn fid-deċiżjoni tagħha li titlaq mid-dar. Tgħid li għamlet din id-deċiżjoni f'nofs argument fil-*weekend* meta ħassitha li ma hux ser jirnexxielha toqgħod miegħu sat-Tnejn u ddeċidiet li titlaq dak il-ħin

stess.  Tgħid li dakinhar għamlet l-ewwel rapport tagħha mal-Pulizija u Q u l-għarus tagħha għenuha tmur id-dar tal-kiri t'ommha ġewwa Bugibba. G mar ukoll dakinhar.  Tgħid li mbagħad ftit wara bdiet tikri post għaliha u Q marret toqgħod magħha.  Tgħid li G eventwalment daħal ukoll jgħix magħha u F mar joqgħod mat-tfajla tiegħu.

In kontro eżami,[12] meta mistoqsija dwar xogħolijiet differenti li kienu jirrikjedu lill-konvenut jibqa' tard ix-xogħol, l-attriċi tinsisti li dawn kienu okkażjonijiet li kienet tkun taf bihom iżda oħrajn li semmiet meta kien idum lejl sħiħ barra jew meta ma rritornax id-dar għal tliet ijiem sħaħ kienu differenti.  Fil-kontro-eżami tibqa' konsistenti ma' dak li xehdet fl-affidavit tagħha u fil-fatt tinsisti li anke meta bdiet taħdem il-konvenut rari kien imidd idejh biex jgħinha u li ma kienx ikun irid joħroġ bħala familja. Waqt din is-seduta hija tippreżenta wkoll kopja tas-sentenza tal-annullament tal-knisja mmarkata bħala **Dok. AX1**.[13]  Mistoqsija fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2022[14] għalfejn qatt ma rraportat l-episodji ta' vjolenza jew għamlet ċertifikati fuq dan hija tgħid li "*Jiena qatt m'għamilt jiġiefiri qabel u meta kont nipprova, it-tfal, it-tifel kien jgħidli ma tmurx tirraportah għax jekk ħa terġa tmur id-dar quddiem wiċċu ħa, ħa ssib. Then I had gone to report it when I ran away from home.*"

Sabiex tikkorrabora l-verzjoni tagħha, l-attriċi pproduċiet is-segwenti xiehda:

> *i.   Affidavit ta' H R S ossia oħt l-attriċi*[15] li tixhed illi hi dejjem ħasset li ma kienx hemm armonija fid-dar ta' oħtha.  Il-flus dejjem kienu problema u tgħid li oħtha kienet titlobha l-flus minn wara dar żewġha u tgħidilha li jkunu għall-ispejjez tat-tfal.
>
> Hija tgħid li l-konvenut irriżenja minn żewġ xogħolijiet mingħajr ma kellu alternattiva ta' xogħol u li l-ġenituri tagħhom kienu jgħinu lill-oħtha u lill-konvenut finanzjarjament.  Tgħid li fis-Sajf ta' seba'/tmien (7/8) snin ilu F kien ċemplilha f'paniku u staqsiha biex tiġbor lil oħtha minn Buġibba għax missieru kien sawwat lil ommu.

[12] Seduta tat-28 ta' April 2022 a fol. 1260.
[13] Fol. 1267.
[14] Fol. 1286.
[15] Seduta tal-5 ta' Ġunju 2018 a fol. 979.

Huma marru u ġabru lil oħtha, lit-tifel u l-kelb u ħafna basktijiet u qalulha li l-argument inqala' għaliex il-kelb kien qed jinbaħ ħafna u l-konvenut kien irrabjat għaliex dan seta' jdejjaq lill-ġirien u li kien infexx fl-attriċi u taha daqqa. Madanakollu tgħid li oħtha ma kinitx titkellem magħha fuq il-problemi li kellha d-dar. Ftit tal-ġranet wara oħtha kienet irritornat id-dar.

Tgħid li minn dakinhar oħtha bdiet tiftaħ qalbha ftit magħha u fil-fatt ix-xhud tgħid li staqsiet lill-attriċi għalfejn kienu ser jixtru proprjetà oħra l-Mosta minflok jinfirdu. Tgħid li tul is-snin l-attriċi kienet daħlet diversi drabi l-isptar minħabba attakki ta' paniku u darba minnhom kienet tkellmet magħha li kienet inkwetata għaliex il-konvenut kien iddepożita ċ-ċekk tal-bejgħ tad-dar f'kont tiegħu personali. Sakemm mxew fid-dar tal-Mosta, G kien għadu joqgħod mal-għarusa tiegħu għaliex kien telaq mid-dar, Q kienet ġieli torqod għand l-għarus tagħha u F ukoll. Tgħid li l-attriċi kienet qaltilha li tibża' mill-*weekend* minħabba li kien ikollha tqatta' ħafna ħin mal-konvenut li kien iqatta' l-ħin kollu tiegħu fuq is-sufan jordnalha.

Tirrakkonta inċidenti oħra li tixhed dwarhom l-attriċi u li qaltilha bihom hi. Fil-kontro-eżami[16] iżda tikkonferma li l-allegat swat mat-tfal qatt ma sar quddiemha.

*<u>ii. Affidavit ta' T U ossia ħu l-attriċi</u>*[17] li jgħid li huwa jaf lill-konvenut bħala bniedem ċajtier iżda li jkollu mumenti ta' rabja u meta jisplodi jsir aggressiv kemm verbalment u kif ukoll fiżikament. Jgħid li fil-bidu tar-relazzjoni mal-attriċi l-konvenut kien jidher iktar ferħan imma li wara li kellhom lit-tfal qisu kien jgħix f'dinja għalih u jgħid li ġieli kien id-dar tagħhom u ħafna drabi jinzertah quddiem it-televiżjoni u meta jurtawh it-tfal isawwathom iebes anke quddiemu. Jgħid li f'okkażjonijiet tal-familja dejjem kienu jispiċċaw b'xi ġlieda, bil-konvenut ikun aggressiv ma' familtu u jgħajjarhom, jitkellem baxx u jirrovina l-burdata ta' kulħadd tant li hu kien jiddejjaq jesponi

[16] Seduta tas-6 ta' Diċembru 2022 a fol. 1373.
[17] Seduta tal-5 ta' Ġunju 2018 a fol. 982.

lit-tfal tiegħu żgħar għalih. Jgħid li quddiem il-barranin il-konvenut kien bniedem ieħor.

Fil-kontro-eżami[18] jgħid li l-mod kif il-konvenut kien jiddixxiplina lil uliedu llum huwa żgur inaċċettabbli – jgħid li s-swat bl-idejn kien regolari u li F kien iktar ma joqgħodx għalih u allura kienu iktar jikklaxjaw. Jikkonferma iżda li meta l-partijiet infirdu t-tifel F baqa' jgħix ma' missieru.

<u>*iii. Affidavit ta' V U ossia omm l-attriċi*</u>[19] li tispjega li hi tħoss li l-partijiet kienu wisq żgħar biex jidħlu f'relazzjoni serja. Tgħid li bintha twieldet l-Awstralja u ddeċidiet li żżomm iċ-ċittadinanza Awstraljana għax kienet temmen li hemm iktar opportunitajiet hemmhekk. Tgħid li hi u r-raġel tagħha ħallsu għat-tieġ tat-tifla u barra minn hekk ħadu ħsieb il-preparazzjonijiet kollha għat-tieġ għaliex il-konvenut dak iż-żmien kien il-Libya iżda ried jiżżewweġ malajr u kien jgħaġġilhom biex jagħmlu l-preparazzjonijiet tat-tieġ. Tgħid li l-konvenut kien dejjem impulsiv fl-aġir tiegħu. Tgħid li l-konvenut kien jgħidilha li l-ġenituri tiegħu kienu jsawwtuh meta kien żgħir għax kien imqareb u li missieru kien ħadu sentejn għand il-Franġiskani u l-konvenut kien ferħan hemmhekk.

Tgħid li sakemm kienu qed ilestu d-dar tan-Naxxar kienu marru joqgħodu magħhom u kienet tinnota li l-konvenut kien jordna ħafna lil ta' madwaru u jemmen li tiegħu biss tajjeb filwaqt li hu ħafna drabi kien joqgħod bil-qiegħda ma jagħmel xejn. Tgħid li kienet tinnota li l-konvenut kien jagħti wiċċ lil nisa oħra u kienu jinkwetaw jaraw lil binthom weħedha waqt li l-konvenut idum ix-xogħol meta kien jaħdem ġo lukanda. Tgħid li darba kienet għandhom u l-konvenut beda jgħajjar lit-tifel G "*injorant*" u li hi nkwetat ħafna u qalet lil bintha li dak mhux mod kif trabbi lit-tfal. Tgħid li l-konvenut kien stinat u ma kienx jieħu pariri. Tkompli li meta kienu jkunu qed jgħidu r-rużarju l-konvenut kien iżomm ċintorin f'idejh biex jekk it-tfal ikunu mqarbin jużah fuqhom. Tgħid li kien qisu tal-gestapo u ma kienx jogħġobha l-mod kif kien jitrattahom. Tgħid li lilha wkoll

[18] Seduta tas-6 ta' Diċembru 2022 a fol. 1382.
[19] Preżentat permezz ta' Nota datata 12 ta' Marzu 2020 a fol. 1092.

kien jitlobha l-flus u li mbagħad jgħidilha li qed jiċċajta imma hi kienet tiddejjaq b'dan.

Tispjega li F kien ikun abbużat fiżikament minn missieru tant li darba missieru sawwtu b'bokkla ta' ċintorin u weġġgħu f'għonqu u F għamel rapport mal-Pulizija u kien imweġġa' li ommu ma kenitx tatu sostenn f'dan. Tkompli li fil-Milied ta' l-2015, il-partijiet kienu organizzaw ikla tal-Milied għandhom fid-dar il-ġdida fil-Mosta u li l-ikla kienet *nightmare* – il-konvenut kien pastaż u abbużiv verbalment u oħt l-attriċi u r-raġel tagħha kienu rrabjaw u qalu li mhux ser jerġgħu jmorru għandu. Tgħid li kollha kienu ansjuzi u riedu jitilqu mid-dar. Tgħid li t-tfal kienu qalulha li telqu mid-dar minħabba li kienu mdejqin bis-sitwazzjoni. Tgħid li F saħansitra kien *suicidal* u għadda minn żmien ikrah ħafna u ommu ħaditu għand il-psikologa Ms Claudette Portelli.

Tgħid li fis-Sajf tal-2016 bintha fetħet qalbha magħha l-ewwel darba dwar dak li kienet għaddejja minnu u li saħħitha kienet sejra lura minħabba f'żewġha. Qaltilha li kien abbużiv verbalment u fiżikament magħha. Staqsietha tistax tmur toqgħod magħha u jumejn wara stess l-attriċi telqet mid-dar u tgħid li marret għandha. Tgħid li qagħdet magħha għal ftit xhur sakemm imbagħad bdiet tikri.

*__iv. Affidavit ta' W X ossia ħabiba tal-partijiet__*[20] li tgħid li hi u żewġha ilhom jafu lill-partijiet mill-2006 meta kienu koppja mexxejja tal-Gruppi Familji Nsara u huma u tliet koppji oħra, fosthom il-partijiet, kienu ħadmu flimkien fuq preżentazzjoni għall-okkażjoni tal-Pentekoste. Tgħid li saru ħbieb sew u li kienu jmorru għand xulxin u joħorġu flimkien u li għall-ewwel ma kienu jaraw xejn ħażin fir-relazzjoni tal-partijiet.

Tgħid li madanakollu meta beda jgħaddi ż-żmien bdew jinnutaw li kienu bdew jaħtfu iktar lil xulxin u li saru impazjenti ma' xulxin u anke jgħollu leħinhom ma' xulxin. Tgħid li darba kienu mistednin għandhom u meta waslu sabu lill-konvenut fuq is-sufan u lill-attriċi

---

[20] Preżentat permezz ta' Nota datata 12 ta' Marzu 2020 a fol. 1087.

rieqda u li l-konvenut qalilhom li ma kellhom xejn preparat. Meta qamet l-attriċi kienet tidher għajjiena ħafna u mbarazzata. Tgħid li għenuha tipprepara xi ħaġa hi u żewġha għaliex il-konvenut baqa' kalm. Tgħid li bil-mod il-mod l-attriċi bdiet tiftaħ qalba magħha u tgħidilha dwar il-karattru abbużiv ta' żewġha u li meta ma jsirx kif irid hu kienet taqlagħha fiżikament u verbalment. Tgħid li kienu joħorġu flimkien u li kienet fuq il-pirmli kontra d-dipressjoni għaliex is-sitwazzjoni d-dar ma kienitx kif tidher minn barra. Qaltilha wkoll li l-konvenut kellu relazzjoni adultera u kienet tgħidilha biex ma tgħidx lill-konvenut b'dak li qed tgħidilha. Tgħid li meta kienu jiltaqgħu l-attriċi kienet tkun ferħana ħafna u li l-konvenut kien ikun kalm u qatt ma kien jgħid xejn fuq hekk.

Tgħid li darba ċemplitilha tard bil-lejl aġitata u qaltilha li ddeċidiet li tikkommetti suwiċidju u baqgħet tibgħatilha sakemm ħasset li kkalmat. Tgħid li t-tfal kienu jżommuha għaddejja. Tgħid li darba marret ukoll taraha f'lukanda meta l-attriċi kienet telqet mid-dar. Tgħid li darba ratha waqt attakk ta' ansjetà meta kienu flimkien u bjaded u kienet qisu ser iħossha ħass ħażin tant li kellhom jgħinuha tinżel it-taraġ. Tgħid li l-attriċi ma kinitx ferħana fid-dar tan-Naxxar u li xtaqet bidla u li sakemm biegħu kienet mentalment instabbli ħafna tant li l-psikjatra qalilha toħroġ mid-dar u fil-fatt bdew jikru Buġibba. Kienet toħroġ tippassiġġa u kienu jiltaqgħu għal kafé bħas-soltu. Tgħid li d-dar tal-Mosta kienet id-dar tal-ħolm għall-attriċi iżda li wara ftit xorta bdew jiġġieldu sakemm telqet mid-dar. Tgħid li llum ġieli jmorru jżuruha hi u żewġha u tinsab iktar konċentrata u kalma.

*v. Affidavit tat-tabib Dr David Tanti*[21] li jixhed illi hu t-tabib tal-attriċi u wliedha. Huwa jgħid li ilu jaf lill-attriċi għal iktar minn għoxrin sena meta kienet iġġiblu t-tfal ma jifilħux. Jgħid li l-attriċi f'mument partikolari bdiet tbati minn ansjetà kbira u li f'xi visti li kellha miegħu kienet tkun fi stat ta' paniku u tirtod. Jgħid li l-attriċi dejjem qaltlu li l-kawża tal-paniku u ansjetà kienet is-sitwazzjoni imwiegħra fid-dar u r-relazzjoni diffiċli li kellha mar-raġel. Hija kienet tgħidlu li mdejjqa u hu ppreskrivila mediċina għall-ansjetà u

[21] Preżentat permezz ta' Nota datata 12 ta' Marzu 2020 a fol. 1090.

kienet tirċievi terapija mingħand Ms Alda Anastasi.  Minħabba l-ansjetà li kellha hija kienet timrad iktar ta' spiss.

Jgħid li darba rahom flimkien u l-konvenut ma kienx tkellem iżda l-attriċi kienet qaltlu li qed ibati minn mood swings gravi, frekwentement irrabjat u dejjem negattiv.  Jgħid li ppreskrivilu d-*dianxit* u li għal xi żmien l-atteġjament kien tjieb skont l-attriċi iżda li mbagħad waqaf jeħodhom għaliex kien jgħidilha li m'għandux problema.  Jixhed illi minn mindu l-attriċi ma baqatx toqgħod id-dar l-istat mentali tjieb drastikament iżda xorta għadha tbati minn *post traumatic stress disorder* u li jkollha bżonn il-mediċina għal żmien twil ta' ħajjitha.  Jgħid li kull darba li jkollha xi attività tat-tfal fejn ikun hemm preżenti l-konvenut ikollu jżidilha d-doża bħal fit-tieġ tat-tifla.

<u>*vi.    Xhieda ta' Dr Etienne Muscat, psikjatra, fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2019*[22]</u> li jgħid li ra l-attriċi l-ewwel darba f'Novembru 2012 minħabba "*fatigue u anxiety attacks u stress minħabba issues fid-dar u dakinhar qaltli li kien hemm suspett da parti tagħha ta' adulterju u kien hemm konflitt mar-raġel fuq xi dar.*" Jgħid li kellha wkoll kwistjonijiet fuq ix-xogħol u kollox ma kollox inħolqotilha ansjetà.  Jgħid li konsistenement kienet issemmi allegazzjonijiet ta' abbuż emozzjonali u fiżiku minn naħa ta' żewġha.  Jgħid li kellha wkoll diffikultajiet kbar mat-tifla, kellha nkwiet fuq wieħed mis-subien u kienet tinkwieta wkoll fuq ommha.  Jgħid ukoll li kellha *house phobia* kbira u riedet tbiddel id-dar akkost ta' kollox għalkemm kienet turih li trid tgħix mingħajr ir-raġel ukoll.  Jgħid li madanakollu ma kinitx tħossha li tista' titlaq qabel tissetilja s-sitwazzjoni tal-ulied.  Jgħid li l-koppja kienu marru wkoll *couple's therapy* u l-affarijiet ikkalmaw meta kienu marru joqgħodu l-Mosta; madanakollu xorta kienet tgħid li baqa' dominanti ħafna sakemm bdiet tgħid li ma setgħetx tgħix iktar miegħu u marret għand ommha għaliex qalet li kienet imbeżżża minnu.

Jgħid illi "*Fir-rapport tiegħi nsemmi intense emotional reactions u ngħid li n-natural ta' A dak hu għax tohodhom bi kbar l-affarijiet u*

[22] Fol. 1013.

*ma tistax tagħmel jew ssib aktar diffikulta' biex tagħmel compartilisation ta' żewġ problemi f'daqqa u jkun hemm iktar possibilita' ta' anzjeta'. L-aktar sors enduring u konsistenti tal-anzjeta' kien ir-raġel u r-relazzjoni miegħu. Il-karattru tagħha li toħodhom bi kbar compiled bil-problemi li sabet ruħha fihom komplew ggravaw is-sitwazzjoni. Issa ilha sentejn li telqgħet minn mar-raġel u xorta baqgħet ssemmi ħolm ikrah daru u beżgħet minnu. Hi tħossha li hi l-vittma u ġiet trattata ħażin f'din is-separazzjoni u tul ir-relazzjoni taż-żwieġ tagħhom u li din għadha tippersisti għax hi tħossha li she was wronged."*

Fil-kontro-eżami[23] jikkonferma illi r-relazzjoni kienet is-sors tal-ansjetà u issa hija iktar stabbli u qed tieħu doża minima ta' pirmli.

*vii. Xhieda ta' V Delicata, family therapist fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2019*[24] li tgħid li ilha taf lill-partijiet għaxar (10) snin u kienet tarahom l-Appoġġ. Tgħid li d-diffikulta ta' bejniethom kienet kif jiddixxiplinaw lit-tfal. Tgħid li t-tfal speċjalment F kienu jħossu li missieru m'huwiex *approachable* u kienu iktar *close* ma' ommhom. Meta kibru t-tfal, l-attriċi bdiet tħossha *emotionally isolated* u għalkemm ma kinitx konsistenti fit-terapija l-attriċi kienet tgħid f'wiċċ żewġha li l-emozzjonijiet tagħha lejh spiċċaw u kienet tweġġgħu b'tali diskors. Ix-xhud tgħid li s-*stumbling block* fit-terapija kienet li minn naħa riedet tibqa' miegħu biex tipprova ssalva ż-żwieġ imma fl-istess ħin ma kinitx tħobbu u li jipprova jagħmel hu ma kinitx tkun tista' tirreċiprokah. Tgħid li l-attriċi kienet tgħid li l-fatt li kien jgħajjat u jkun vjolenti f'leħnu kienu jitwerwru hi u t-tfal. Tgħid li hi qatt ma kellha twaqqaf is-*session* u li quddiemha dejjem imxew tajjeb il-partijiet iżda l-attriċi kienet *stuck* għaliex ma kinitx taf tridx tieħu l-pass u l-konvenut kien jitfixkel għaliex kien jipprova jikkuntentaha u anke jekk ma jaqbilx kien jipprova imma jerġa' jaqa' għall-vjolenza li hi tispeċifika li kienet emozzjonali, psikoloġika u li ma tafx li kienet fiżika.

---

[23] Seduta tas-7 ta' Mejju 2021 a fol. 1235.
[24] Fol. 1024.

Tispjega illi "*L-għajjat li ddiskrivejt hu ghajjat vjolenti u cioe` li jbezza` u li jintimida fis-silenzju lill-parti l-ohra. Minflok kien jiddjaloga kien jinfexx jghajjat u kien hemm zmien fejn kien withdrawn u allura ma kienx hemm djalogu. Kienet thossha li mhux ifittixha u li he's withdrawing from her. Alex kien ihossu in a lose-lose situation fejn hafna mid-drabi he couldn't meet her expectations. Naturalment din mhix raguni ghall- ghajjat. Huma differenti hafna minn xulxin kemm bhala karatru kif ukoll f'dak li joghgobhom. Din il-fatt li he can't meet her expectations kienet tkun wahda mir-ragunijiet ghala kien jghajjat u taqbizlu. Alex kien ikollu diffikulta` biex jempatizza maghha filwaqt li A hi emozzjonali hafna u għalhekk ma kienx ikun hemm dik il-frustration ghaliex hi trid connection u attenzjoni u hu he used to withdraw.*"

*viii. Xhieda ta' Elaine Compagno, SOAR co-ordinator fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2019*[25] li tipperżenta dokument immarkat bħala **Dok. EC 1** b'rapport dwar dak li rraportat l-attriċi u l-interpretazzjoni tiegħu. L-attriċi rraportat tipi differenti ta' vjolenza domestika u jissemmew l-effetti ta' dan l-aġir fuq l-attriċi. Ix-xhud tgħid li l-attriċi wriet ukoll sinjali ta' *post violence trauma* u li tliet (3) snin wara għadha tbati minn ansjetà u dwejjaq.

*ix. Xhieda ta' Gertrude Xerri in rappreżentanza ta' Mater Dei*[26] li tippreżenta kopja tal-file mediku tal-attriċi.

*x. Xhieda ta' PC 3123 RB Gauci fis-seduta tad-9 ta' April 2018*[27] *u tal-Ispettur Nicholas Vella fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2018*[28] li ppreżentaw rapporti magħmulin mill-attriċi u mit-tifel F kontra l-konvenut u anke rapport li għamel il-konvenut.

L-attriċi tippreżenta wkoll nota datata 12 ta' Marzu 2020[29] bis-segwenti dokumenti:

[25] Fol. 1045.
[26] Seduta tal-10 ta' Mejju 2019 a fol. 1031.
[27] Fol. 24.
[28] Fol. 908.
[29] Fol. 1061.

**Dok. CAC 1**: Valutazzjoni tal-appartament *Honey Valley Apartment 1, Constitition Street Mosta*, illi serva bħala d-dar matrimonjali, ta' żewġ garaxxijiet mixtrija mill-partijiet fiż-żwieġ u li jagħmlu wkoll parti mill-komunjoni tal-akkwisti

**Dok. CAC 2:** *Schedule of insurance* illi tikkonferma il-*market value* tal-vettura *Mazda 121 Demio* numru tar-reġistrazzjoni BEC912, liem vettura inxtrat fiż-żwieġ.

**Dok. CAC 3 – Dok. CAC 42**: Riċevuti in konnessjoni mal-kirja li kienet tħallas l-attriċi meta telqet mid-dar matrimonjali.

L-attriċi tippreżenta wkoll kopja tas-sentenza mogħtija minn l-Ewwel Istanza Mit-Tribunal Ekkleżjastiku fis-26 ta' Frar 2021[30] fejn ġie deċiż wara li l-attriċi biss tat il-verżjoni tagħha, għaliex il-konvenut irrifjuta li jixhed fil-proċeduri, illi ż-żwieġ huwa dikjarat null minħabba "*lack of due discretion of judgement and inability to assume marital obligations on the part of Respondent."*

## *b. Il-Verzjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet tal-Attriċi*

Il-konvenut jixhed permezz ta' affidavit ppreżentat fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2021[31]. Huwa jgħid li meta ltaqa' ma l-attriċi huwa kellu kważi sbatax (17)-il sena u wara ħames (5) snin kienu żżewġu wara li ħadu parir mingħand Fr Karm fuq id-deċiżjoni li kienu ser jieħdu.

Jiċħad illi dak iż-żmien hu kien jifflirtja u jgħid li hu kien ikellem lil kulħadd u li l-attriċi kienet tgħir ħafna. Jgħid li sena qabel it-tieġ kien telaq mix-xogħol li kien jagħmel fil-lukanda Ambassador ġewwa x-Xemxija biex mar jaħdem il-Libya biex ikollhom iktar kapital. Spiċċa mill-Libya f'xi Frar/Marzu 1986 minħabba s-sitwazzjoni politika u sab xogħol temporanju ġo fabbrika tal-injam għal ftit xhur imma kellu jieqaf minħabba nuqqas ta' safety u meta żżewġu kien għadu bla xogħol.

[30] Fol. 1267.
[31] Fol. 1106.

Jispjega li kif issemmi l-attriċi fl-affidavit tagħha huwa għadda minn żmien ħażin ftit wara li żżewġu imma dan kien għaliex huma kellhom pjan li jemigraw l-Awstralja wara li jiżżewġu u l-familjari speċjalment tan-naħa tal-attriċi kkonvinċewhom sabiex ma jmorrux u allura baqgħu hawn u ma kellu xejn finanzjarjament. Jgħid li dan il-perjodu ħażin ma kellu xejn x'jaqsam mal-attriċi għaliex hu jgħid li żżewwiġha għaliex kien iħobbha u hu mrobbi li ż-żwieġ għal dejjem.

Jgħid li f'Ottubru ta' dik is-sena offrewlu xogħol maniġerjali ġewwa l-lukanda li kien jaħdem fiha qabel fejn kellu jmexxi il-lukanda u l-appartamenti ta' magħha li b'kollox kienu jesgħu mitt turist kif ukoll l-istaff. Jiċħad għal kollox li hu kien jieħu l-*leave* u ma jgħidx lill-attriċi apparti li jgħid li hu ftit li xejn kien jieħu *leave*. Jgħid li meta twieled G, l-ewwel wild tagħhom, iddeċidew li l-attriċi tieqaf taħdem biex trabbi lit-tfal u għalhekk kellu iktar pressjoni sabiex jipprovdi finanzjarjament u jgħid li kien għalhekk li kien jagħti prijorità lix-xogħol. Jgħid li kieku ma kienx jagħti prijorità lix-xogħol kienu jispiċċaw bla xogħol u iktar bla flus milli kienu. Jiċħad li ma għen xejn fil-festin ta' G u jgħid li kien żejjen il-ġnien u naddaf id-dar kollha u filgħaxija mar għal dawn il-ħbieb u ħadhom il-festin.

Jgħid li xtraw dar in-Naxxar u ħadu *loan* mal-Lohombus u ħuħ E ħarġilhom sebgħat elef liri Maltin (Lm7,000) peress li ma kellhomx flus u fil-fatt jgħid li minħabba li kien jaħdem hu biss ma tantx kien jibqa' xi jfaddlu u d-dar kienet ġebel u saqaf u riedu flus biex titlesta. Fil-fatt jgħid li qagħdu għand omm l-attriċi biex jiffrankaw il-kera u biex ilaħħqu ma l-ispejjeż kien jaħdem ħinijiet twal għaliex il-paga ma kenitx kbira. Meta kienu għadhom għand ommha f'Ġunju 1990 jgħid li kellhom lil F u ftit xhur wara lil Q f'Ottubru 1991. F'Awwissu 1991 jispjega li marru fid-dar il-ġdida li kienet vojta għajr għall-kamra tal-banju u sink fil-kċina imma kienu kuntenti għax kienet id-dar tagħhom. Jgħid li kien jaħdem bla waqfien bejn ix-xogħol, ħasil tal-art, ħwejjeġ u tisjir imma jgħid li għall-attriċi qatt ma kien biżżejjed.

Jispjega li x-xifts tiegħu fil-lukanda kienu daqqa mis-6.30am sat-3.00pm però kien idum sa xil-5.00pm u daqqa mit-3.00pm sa xi nofs il-lejl jew iktar skont x'jinqala. Jgħid li mbagħad beda sistema *day in day out* fejn

kien jaħdem mis-6.30am sa' nofs il-lejl u ftit wara mbagħad ikollu *day off* iżda meta l-*general manager* ma kienx imur kien ikollu joqgħod l-għada wkoll. Jgħid li din ġieli għamilha għal ġimgħatejn sħaħ mingħajr ma jieħu off. Tgħid li l-*general manager* kien ħabib kbir ta' missier l-attriċi li kien l-*accountant* tas-sid u tal-lukanda. Fil-fatt meta kienet tissuspetta ħażin l-attriċi jgħid li kien jgħidilha li lanqas kieku ried ma seta' jagħmel xejn għaliex dejjem taħt għajnejn ħbieb ta' missierha jkun fil-lukanda.

Ikompli li hu *outgoing* ħafna u l-attriċi kienet suspettuża immens u ma kien jista' jkellem lil ħadd jekk mhux xi ħadd li taf hi. Jgħid li minn natura tax-xogħol tiegħu hu ried ikompli ma' kulħadd u li hi kienet tinterpreta dan bħala nuqqas ta' rispett lejha. Jgħid li kien qed ibati għal żewġ raġunijiet, l-ewwel li kienu żżewġu meta ma kellhomx flus u kellu jaħdem ħafna biex ilaħħaq mal-ispejjeż u anke ħabba s-suspetti kollha li kellha l-attriċi u jgħid li għalhekk kultant kien imur għand oħtu u ġieli anke qagħad barra fil-karozza biex ma jismax il-qrid il-ħin kollu. Madanakollu jiċħad li għamel xi ljieli barra mingħajr ma kienet taf hi u meta kellu jagħmel dan kienet tkun taf fejn qiegħed għaliex kien ikun maqbud fuq xogħol.

Jgħid li ma kienx minnu li kien jgħid lill-attriċi li t-tisjir xogħolha però jgħid li kien hemm żmien fejn kien jaħdem tnax (12)-il siegħa xogħol u kien jieħu għalih meta kienet tgħidlu jsajjar hu mbagħad għalkemm jgħid li xorta kien isajjar u jiċħad li kien aggressiv magħha. Jgħid li meta kienet iddaħħal f'moħħha li trid tixtri xi ħaġa kienet tkun trid tixtriha akkost ta' kollox u jekk f'xahar kien jagħmel ħames mitt (500) lira u jgħaddu u x-xahar ta' wara elf (1,000) din tintefaq kollha xorta. Jiċħad li kienet prattika li jibqa' fuq is-sufan u ma jitlax jorqod ħdejha u jgħid li dan l-iktar l-iktar kien iseħħ meta kien ikollhom xi argument.

Jiċħad illi qatt sawwat lilha jew lit-tifal u għalkemm jgħid li kien jiddixxiplinahom u ma kienx isib sostenn mingħandha dwar dan iżda jgħid li qatt ma refa jdejh fuqhom.

Meta t-tfal bdew jissetiljaw l-iskola xi tmien snin wara t-tieġ jgħid li l-attriċi xtaqet terġa' tibda taħdem. Jgħid li hu kien jissetilja l-*loan* u mbagħad jagħtiha l-bqija tal-paga iżda kien iħoss li jaħdem kemm jaħdem ma

kienx isib xi jfaddal. L-*istationery* jgħid li ma tantx kien irnexxa iżda ma tantx kien dam f'dan ix-xogħol u tul dan il-perjodu jiċħad li kellu xi relazzjoni ma' M, it-tifla tal-kuġina tagħha. Jgħid li kien jgħinha bħal ma kien jgħin lil kulħadd. Jispjega li l-istorja tal-griżma tat-tifel ġrat għaliex hu kien ilu għal xi snin jgħin fl-organizzazzjoni ta' quddiesa speċjali għall-griżma tat-tfal ta' San Pawl tat-Tarġa u dik is-sena kienet inqalgħet kwistjoni mal-kappillan tan-Naxxar għaliex ma riedx illi tkompli ssir bla ebda raġuni allura huma li kienu jorganizzawha ħadu għalihom u bi protesta ma marrux fil-quddiesa tal-kappillan.

Jgħid li meta daħlet taħdem l-Education u bdiet *course by corrispondence* hi kienet tkun fil-kamra tas-sodda tistudja u hu kien jieħu ħsieb it-tindif, kura tat-tfal u tisjir. Ommha kienet tmur biss kultant u tieħu magħha xi ikel. Jgħid li fil-gradwazzjoni l-kwistjoni ma kinitx li ma riedx imur għall-gradwazzjoni iżda li hu ried imur erbat ijiem fil-waqt li hi riedet li jestendu l-vaganza u hu ma riedx li jonfqu flus u jgħid li għalxejn kien prova jfehmha li ma kellhomx flus biżżejjed. Jgħid li, li kienet trid kienet tagħmlu u mbagħad kulħadd ibagħti l-konsegwenzi wara għaliex għax-xhur ta' wara ħadd ma jibda jlaħħaq mal-ispejjeż. Jgħid li f'dan il-perjodu hu kien iwassal lit-tfal l-MCAST ta' kuljum qabel ix-xogħol u wara x-xogħol mhux l-ewwel darba li kienet titolbu jmur jiġborhom. Jgħid li darba kellu jdur fuq wieħed minn ħutu biex iħallas l-eżamijiet tat-tfal u jaqalgħu kemm jaqalgħu qatt ma kien ikun biżżejjed u kien iħoss li ħlief kontijiet u dejn ma kellhomx. Minn fuq kienet tgħajru li ma kienx kapaċi, li hu l-ħażin, injorant, tobgħodu *etc*. Jgħid li t-tfal bdew jikbru u jħoss li dejjem iġebbdu fil-flus. Jgħid li kienet tgħidlu affarijiet bħal "*għalfejn ħadt lilek?*", "*moħħok f'dak u f'dik*", "*dejjem moħħok fil-flus u fid-dejn li għandna*" etc. Sadanittant jgħid li hi kienet toħroġ ħafna mal-ħbieb tax-xogħol.

Jgħid li jħoss li qatt ma kien xejn biżżejjed għaliha u meta għall-ewwel kienu jmorru kull sajf Għawdex għall-anniversarju, u mbagħad qalbu għal tliet xhur Buġibba jew San Pawl imma dejjem riedet aktar. Jgħid li l-argumenti naqsu ftit meta ħallsu d-dar u bdew jiġu fuq saqajhom. Jgħid li biddlu l-*ensuite* u rranġaw kamra fil-bitħa ta' wara. Jgħid li mbagħad faqqgħet oħra – kif tlesta dan ix-xogħol u ħallsu d-dejn kollu, it-tfal kibru u ġew fuq saqajhom riedet tbiegħ id-dar. Jgħid li hu ma riedx ibiegħ

għaliex kienu jerġgħu jibdew bl-argumenti ta' qabel u dejjem bl-istess ġlied fuq problemi ta' flus. Jgħid li dak iż-żmien kienet tgħidlu li riedet tbiegħ minħabba l-wirdien għaliex kienet tibża' ħafna u kultant tara waħda. Jgħid li ħabib tiegħu issuġġerilu lil xi ħadd biex jieħdu ħsieb il-problema tal-wirdien u l-wirdien beda joħroġ maxxex u jmut mid-drain tal-bitħa. Minħabba f'hekk telqet għand ommha u kienet tgħajjru li kien bla demm u li ma jagħtix każ.

Jgħid li darba kien mar tabib għandhom biex hu jagħmel xi testijiet tad-demm u kien ra lill-attriċi għajjiena u rreferiha għal Dr Etienne Muscat li qalilha li ċertu pinnoli li kien qiegħed jagħtiha ċertu Dr Tanti kellha tbiddilhom u biex jeħodha kemm jista' jkun barra mid-dar u ħdejn il-baħar kmieni, filwaqt li kiteb ittra indirizzata lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni sabiex ma tibqax tgħallem ġewwa l-iskola ta' Pembroke minħabba xi problemi li kien qed ikollha mal-kap tal-iskola.

Jgħid li fl-aħħar snin fid-dar tan-Naxxar spiċċa abbandunat fuq is-sufan u l-kamra tas-sodda kienet *out of bounds* għalih għaliex kienet tgħidlu li jinten, li maħmuġ, li jieħu s-sodda kollha u mbagħad bdiet takkużah li jara l-pornografija. Jgħid li postu ħaditu l-kelba. Jgħid li fl-aħħar kellu jċedi li jbiddlu d-dar u peress li Dr Muscat kien qalilhom imorru ħdejn il-baħar kienu marru Buġibba f'post mikri u bdew ifittxu dar. Jgħid li ma jafx imbagħad baqgħetx tmur għand il-psikjatra għaliex ma riditux imur iktar magħha u ma kienet tgħidlu xejn. Dak iż-żmien l-attriċi jgħid li ssuġġerietlu li jmorru għand *counsellor* u marru xi *sessions* għand V Delicata u jħoss li meta kienu jmorru kien jispiċċa mgħajjar u umiljat mill-attriċi. Jgħid iżda li kien kollu għalxejn għaliex ma riditx tirranġa.

Xi sena wara jgħid li riedet tibda timxi fuq il-front u allura riedet li jmorru joqgħodu eżatt quddiem il-baħar għax huma kienu triq il-bogħod. Jgħid li huwa aċċetta u spiċċaw kullimkien mimli kaxxi u fil-garaxx ta' ommha għaliex il-kmamar kienu żgħar. Jgħid li l-argumenti ma waqfux imbagħad meta tinfurjah u jirrabja tilgħabha tal-vittma. Jgħid li f'dan iż-żmien kien *night manager* il-Vivaldi Hotel u kellu *part time job* ma' *Ellul Interiors* filwaqt li hi kellha x-xogħol tagħha u xorta ma kienux ilaħħqu bil-flus. Il-flus baqgħet tieħu ħsiebhom hi. F'dan iż-żmien marret l-Awstralja ma' ommha u ħadet lit-tifla magħha. Jgħid li lilu qaltlu li ħallsitilha kollox

ommha iżda mbagħad sar jaf li li ħadet *loan* minn wara daru biex marret u ħallsitha bil-paga tiegħu. Jgħid li kienet tkun trid tmur *weekend breaks* ġo lukandi ħdejn il-baħar meta huma kellhom appartament faċċata tal-baħar u din kien jifhimha ta' darba kultant imma mhux ta' spiss għaliex imbagħad bilfors il-flus ma jservux. Jgħid imbagħad li ma kull argument kienet titlaq u tmur lukanda, jew għall-inqas hekk kienet tgħidlu, mbagħad jiġi l-Ħadd u tgħidlu jiltaqgħu.

Jgħid li kienet dejjem tgħid li għajjiena jew sturduta u kienu jispiċċaw joħorġu jieklu barra u l-bqija tgħid li għajjiena sakemm iċemplu xi ħbieb u kienet tgħidlu biex jilbes ħa joħorġu. Jgħid li meta biegħu d-dar inqala argument għaliex hu ma riedx iniżżel il-prezz, kif qalulu jagħmel l-*estate agents* minn mija u ħamsa u tmenin elf Ewro (€185,000) għal mija u ħamsa u tletin elf Ewro (€135,000) imma hi riedet tagħmel hekk imbagħad hu sab il-bejgħ b'mija u ħamsa u ħamsin elf Ewro (€155,000). Jgħid li ssuġġerilha biex jibdew jikru post ħdejn il-baħar issa li biegħu d-dar biex ma jerġgħux jidħlu fid-dejn madanakollu hi riedet bilfors tixtri post u xtraw appartament ġo blokka ta' għoxrin avolja din kien kontriha hu. Il-post kien ukoll baqgħalu x-xogħol u beda jmur jgħin lill-ħaddiema kważi ta' kuljum. Jgħid li l-attriċi kienet tmur u tordna u titlaq 'l hemm. Jgħid li daħlu fil-post f'Mejju 2015 u l-argumenti baqgħu għaddejjin u hu baqa' fuq is-sufan.

Jgħid li għalkemm kienu għadhom kif daħlu fid-dar il-ġdida l-attriċi riedet karozza 4x4 għalkemm kienu għadhom ukoll kemm xtraw karozza tat-tip *Hyundai* li kien jużaha hu u kienu għadhom kif għamlu wkoll island fil-kċina tiswa sitt elef Ewro (€6,000). Jgħid li riedet ukoll tibqa' tikri San Pawl il-Baħar fis-Sajf. Jgħid li hawn iddeċieda li jieqaf jagħmel li trid hi biss. Jgħid li meta kien jagħmel hekk kien jibda t-theddid minn naħa tagħha li sejra għand il-Pulizija biex tirrapporta l-argument li kien ikollhom biex tavvelih. Jgħid li wara x-xogħol ma kienx isibha d-dar għaliex kienet toqgħod hemm sakemm ikun hemm it-tfal biss imbagħad titlaq il-barra ma' sħabha. Ftit wara riedet terġa' tbiegħ id-dar iżda jgħid li hu ma riedx. Jgħid li baqgħet dejjem għajjiena u ma tiflaħx u ġabet fattiga, madanakollu kienet tgħidlu li la qala hu, jagħmel hu allura hu kien xorta jnaddaf u jaħsel.

Qabel telqet mid-dar jgħid li talbitu ħames mitt Ewro (€500) u tahomlha. Jgħid li mar xi sessjonijiet waħdu għand V Delicata u din kienet qaltlu li ħallew l-affarijiet jeħżienu wisq qabel marru u li kienet qed issib problema biex tifhem lill-mara u staqsietu quddiem l-attriċi għalfejn ma jitlaqx mid-dar iżda hu kien jgħid li la żżewweġ ma jħossx li għandu jitlaq. Hu kien jgħid lill-attriċi li jekk se toqgħod tgħajjru hu kien ser jitlaq il barra.

Jiċħad li kien vjolenti magħha u li refa' jdejh fuqha u jgħid li "*Jekk ma tgħaddix tagħha tinfexx f'xeba għajjat u twerżiq. Jien ovvjament f'dak it-twerżieq kollu kont nirrispondi u nirrabja ukoll għax kulħadd tad-demm u l-laħam."* Jgħid li kieku kien veru ma kienx ikollu lit-tifel F jgħix miegħu sal-lum u għandhom relazzjoni tajba ħafna flimkien. Jgħid li ħass li għandu joġġezzjona fejn għandu joġġezzjona u l-attriċi telqet mid-dar fis-16 ta' Settembru 2016 wara argument. Dak iż-żmien jgħid li kienu joqgħodu miegħu Q u F. Qal li għamel xahrejn, tlieta jibgħatilha l-messaġġi biex jirranġaw jew jiltaqgħu però hi qatt ma riedet. Jgħid li mar ukoll għand ommha u ommha qaltlu li ma riditx taf bih aktar.

Wara li telqet jgħid li beda jinnota ċertu *posts* fuq il-media soċjali fejn bdiet tpinġi lilha nnifisha bħala mara msawta u ċerti nies li kienu jafuhom ġibdulu l-attenzjoni dwar dan u jgħid li hu kien sorpriż daqshom b'dawn il-*posts*. Jgħid li immedjatament kif telqet sar jaf li l-karozza tagħha qed tkun ipparkjata fi Triq il-Kannizzata, Ħal Balzan u skopra li kienet għamlet ħbieb ma' xi ħadd minn hemm u raha diversi drabi kemm filgħodu u kif ukoll bil-lejl tant li għamlitlu rapporti li qed isegwiha u nduna li kienet telqet għax riedet tibda relazzjoni ma' ħaddieħor u ppruvat titfa t-tort fuqu.

In kontro eżami[32] jgħid li hu mhux ħa jiċħad li ra pornografija iżda li l-mara ċaħditu mill-kamra tas-sodda għal aktar minn ħmistax (15)-il sena. *"Jien id-dar kont qisni kelb norqod fuq is-sufan."* Huwa jispjega wkoll fil-kontro-eżami l-ħinijiet tax-xogħol erratiċi li kellu meta kien jaħdem f'lukanda fejn jinsisti li kien ikollu jibqa' ħinijiet twal kemm meta l-manager l-ieħor ma kienx ikun xogħol jew biex jagħlaq ix-xogħol għaliex bħala manager kien ikun irid jibqa' sal-aħħar. Jgħid li għalih iżda kien

[32] Seduta tal-11 ta' Lulju 2022 a fol. 1307.

importanti x-xogħol ħabba l-paga u l-qliegħ. Jgħid li hu kien jgħid ukoll lill-attriċi sabiex tmur il-lukanda fejn kien jaħdem bit-tfal u fil-*pool*. Jgħid li meta ma tieħux grazzja ma xi ħadd, raġel jew mara ma kinitx tkun tridu jkellimhom. Jgħid li dan ma ġarax ma' nisa biss għaliex saħansitra lanqas ħutu ma kienu jistgħu jmorru għandu d-dar.

Jispjega fl-istess seduta li ommu kienet tathom il-flus kif semma fl-affidavit tiegħu, u allura qal lil ħuħ li kien sellfu s-sebat elef liri Maltin (LM7,000) għad-dar u ħallas l-affarijiet tal-ħanut. Biex iħallsu lura l-flus li kien tah il-konvenut spjega li kien jaqbad xi ħaġa żgħira u jħallaslu affarijiet tal-ħanut sakemm intervjena missierhom u qal lil ħuħ biex iħallih peress li kien jaf li huma mgħaffġin bil-flus. Huwa jgħid li l-gradwazzjoni tal-attriċi li kellha Malta kienu marru bit-tfal b'kollox u ta' barra ma kienux marru biss għaliex hi kienet riedet iddum ġimgħa. Jiċċara li meta jgħid li l-flus kienu jkunu f'idejha jrid ifisser li għalkemm il-paga tiegħu kienet tidħol f'kont *joint* kienet tiġġestixxi dan il-kont hi.

Sabiex jikkorrobora l-verzjoni tiegħu, il-konvenut ipproduċa is-segwenti xiehda:

> <u>*i. Xhieda ta' Y Z ossia kollega tax-xogħol tal-konvenut mal-Kumpanija Inspirations Ltd. waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar 2021*</u>[33] li jgħid li l-konvenut ilu jaħdem mal-kumpanija mit-2011 u li hu jiġi l-*line manager* tal-konvenut. Huwa jgħid li r-relazzjoni tal-konvenut mal-ħaddiema u l-klijenti hija waħda tajba u li l-klijenti jistaqsu għalih b'ismu għaliex jekk jibda jaqdihom hu jkunu jridu lilu għaliex jaqdihom tajjeb ħafna u l-istess imur mal-kollegi. Jixhed li anke l-*performance* tiegħu dejjem kienet waħda tajba. Jgħid li kemm il-darba kien jitlaq mix-xogħol għaliex kien ikollu ħaddiema fid-dar tal-Mosta u mbagħad kien ipatti għal dan il-ħin barra bil-kbir.
>
> <u>*ii. Affidavit ta' E C ossia ħu l-konvenut*</u>[34] li jgħid li meta l-partijiet kienu qed ifittxu dar kien imur magħhom u sellifhom sebat elef Liri Maltin (Lm7,000) biex jagħmlu tajjeb għad-depożitu fuq id-dar.

---

[33] Fol. 1109.

[34] Preżentat fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2021 a fol. 1130.

Jgħid li darba kienu siefru l-Ingilterra u għal li jista jkun jinqala xi ħaġa urġenti kien ta lil ħuħ il-*Barclays Bank Card* tiegħu u meta ġew lura l-attriċi qaltlu li nefqu seba' mitt lira Sterlina (£700) għaliex kien hemm affarijiet irħas. Jgħid li din kien raha stramba għaliex jekk kienu magħfusin bil-flus ma kellhomx imorru jonfqu iktar. Jgħid li l-attriċi kellha ħafna kapriċċi u ħuħ kien idur fuqu għall-flus u saħansitra meta ħareġ vann ġdid marret titolbu jsellifulha flok il-karozza tagħha għaliex kienet tkun trid il-ġdid u l-aħjar. Jgħid li anke meta kellhom *supermarket* kienet tixtri l-għola prodotti u ma kinitx tieħu gost meta jiġbdulha l-attenzjoni fuq dan.

Jgħid li meta kellhom l-*istationery* spiss kienet ma tiftħux għax tgħid li kienet ma tiflaħx imbagħad meta kien jistaqsiha għalfejn kienet tgħid lill-konvenut li ħuh għajjat magħha u jiġġieldu miegħu, imbagħad filgħaxija tmur tiżfen is-Suncrest.

Jgħid li kien għamel żmien jgħix f'maisonette fuq tagħhom u li verament ħuħ kien jargumenta magħha iżda kien jirritorna u jsib lit-tfal bil-ġuh u jibda isajjar u jnaddaf hu u hi titlaq 'il barra. Jgħid li meta għamlu d-dar il-ġdida l-Mosta kien għaddielhom kumment li mlewha sew id-dar għaliex kien jaf li kienu magħfusin fil-flus u l-attriċi qabżet qaltlu li jekk ma jagħmlux hekk ma jimlewha qatt. Jgħid li hi riedet tgħix ħajja ta' sinjura u spiss filgħaxijiet kien jaraha mbiddla biex toħroġ.

Jgħid li meta kienu jgħixu ħdejhom dejjem ra lil ħuħ jieħu ħsieb lit-tfal, inaddaf, isajjar u joħroġhom wara ġurnata xogħol. Jgħid li l-familja tagħha warrbuh lilu u ommha kienet taqbad argumenti ma' F eżempju fuq Hitler u l-Lhud u suġġetti simili u jgħid li għax ħuħ qabżitlu li anke fil-Milied jinqalgħu l-argumenti weħel hu. Jgħid li l-attriċi dejjem kienet tibqa' bilqiegħda ma tikkoreġix lit-tfal u ħuħ jiġbed ħabel waħdu. Jgħid li jaf li kemm il-darba kienu jmorru *weekend breaks* jew Għawdex u minkejja li kienet dejjem trid toħroġ kien jgħinhom finanzjarjament ħafna missieru għax dejjem issikkati bil-flus.

*iii. Affidavit ta' XI XII ossia oħt il-konvenut*[35] li tixhed kif meta żżewġu kienu marru għandhom għall-ikel u ħuha kien ħa ħsieb kollox hu u meta rrimarkawlu kien qalilhom li hi ħadet ħsieb tnaddaf u l-ikel ħa ħsiebu hu.

Tgħid li bil-ħanut kienet turiha prodotti li jaqbillek fil-prezz imma l-attriċi dejjem riedet prodotti għoljin għax kienet tħobb tgħix bħas-sinjuri. Tgħid li kienet ukoll titlob ħafna affarijiet meta joħorġu jieklu u lit-tfal ma tikkoreġihomx anke meta jiġġieldu ta' tfal li huma mal-kuġini. Tgħid li ħuha kien jurta ruħu u għalkemm kien jipprova jirraġuna magħhom kien jgħejja wkoll u minnha ma kienx isib sostenn għaliex kienet dejjem tgħidlu "*u ħallihom...u jaħasra...u b'daqshekk...*" Tgħid li omm l-attriċi wkoll kienet iżżomm magħha u titħassarha li t-tfal għejjewha u minflok tigwidaha kif għandha taġixxi kienet tmur u toħdilha lit-tifel biex isserraħha.

Tgħid li meta kienu jmorru għandhom kienet tara lil ħuha jagħmel xi ħaġa u meta jkunu mistednin għand ommha, ħuha kien ikun dejjem is-seftur tagħhom għaliex kienu jqabbduh ħafna filwaqt li l-għarus t'oħtha kien tal-pinna allura tgħid li ma kienux iqabbduh. Tgħid li missier l-attriċi minn naħa l-oħra kien ta' rispett kbir. Tgħid iżda li ħuha qatt ma kien jista' jistedinhom id-dar ħlief għal xi drabi rari u l-festini dejjem kienu jsiru għand ommha. Tgħid li t-tfal sal-lum lilu jċemplu meta jkollhom bżonn xi ħaġa u għalhekk ma tarax kif seta' kien abbużiv magħhom. Tgħid li t-tifla tal-partijiet stess talbitha biex tipprova ssiblu *partner* għaliex jiddejqu li jarawh hekk.

*iv. Affidavit ta' XIII C ossia ħu l-konvenut*[36] li jikkorabora l-verżjoni tal-bqija tax-xhieda.

*v. Affidavit ta' I C ossia oħt oħra tal-konvenut*[37] li tgħid li hija separata u kienet tinnota li l-attriċi kienet issaqsiha ħafna fuq is-separazzjoni tagħha. Tgħid li hi kienet tistrieħ titkellem magħha u l-attriċi kienet iċċemplilha biex joħorġu huma t-tnejn imma hi kienet tħossha skomda peress li l-attriċi kellha lir-raġel id-dar. Kienet tkun

[35] Preżentat fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2021 a fol. 1132.
[36] Preżentat fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2021 a fol. 1134.
[37] Preżentat fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2021 a fol. 1135.

trid tmur id-diskos u meta kienet tistaqsiha fuq ħuha, l-attriċi kienet tgħidilha li l-konvenut ma kienx ikun irid imur id-diskos u dejjem għajjien.

Tgħid li t-tifel tagħha addottat u jiġi daqs it-tifel il-kbir tal-partijiet. Tirrakkonta kif meta ġabitu minn pajjiżu kien *malnutritioned*, żgħir u fraġli u darba kienet għandhom u t-tfal tal-partijiet bdew jilgħabu bil-goff. Tgħid li mank waqqfithom għalkemm it-tifel tax-xhud li kien tant fraġli fil-kundizzjoni tiegħu beda jibki għaliex bdew jgħaffġu fuqu u jweġġgħuh. Tgħid li minn ħuha kienu jobdu mill-ewwel. Tgħid li taf li l-attriċi kienet dejjem tkun rieqda u t-tfal joqgħodu ma' ħuha u anke lilha kienet tgħidilha li ma kienet tagħmel xejn.

*<u>Il-Prinċipji legali u l-applikazzjoni tagħhom għall-każ odjern</u>*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għall-każ odjern.

Il-liġi tagħna f'Artikolu 2 tal-Kap 16 tgħid kif ġej dwar l-obbligi tal-miżżewġin lejn xulxin:

*"(1) Il-liġi tippromwovi l-għaqda u l-istabbilità tal-familja.*

*(2) Il-miżżewġin għandhom jeddijiet indaqs u jerfgħu responsabbiltajiet indaqs matul iż-żwieġ tagħhom. Għandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.***"**

F'każ li xi parti tkun trid titlob is-separazzjoni mit-tali żwieġ il-liġi nostrana tgħid f'Artikoli 38 u 40 illi:

*"Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra." u*

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja*

*flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

Kif tgħid il-Qorti fil-kawża **Marthese Vella *pro et noe* vs George Valla**[38] *"Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni **l-episodji saljenti tal-hajja konjugali** u mhux incidenti ta' importanza minuri"* Tkompli billi tikkwota s-sentenza fl-ismijiet **Giovanna Rosa Farrugia vs Salvatore Farrugia**[39] *"La prova consentita dall'articolo 577 del Codice di Procedura Civili (llum Artikolu 565 tal-Kapitolu 12) e' da accogliersi colla medesima cautela e cirospezione, dipendendo la sua efficacia principalmente dale deduzioni che una sana critica, tenuto conto dell interesse manifesto del deponente, puo inferire dalla verosigiglianza del racconto, della corraborazione di quella prova e sopra tutto dal confronto della deposizione di ciascuno dei contendenti; ma e' pur vero che in casi simili alla fattispecia i fatti su cui puo raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazione personal dall'altro coniuge si volgono generalmenti entro il segreto delle pareti domestiche…"*

L-Artikolu 38 għalhekk jagħti bħala l-ewwel kawża tal-firda l-adulterju. Il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*"[40].

Illi fil-kawża **Rita S vs Dott. Albert Grech *et noe***[41] kien ingħad li: "*Stante diffikulta tal-prova ta' adulterju, dan jista jigi ppruvat permezz ta' indizzji u presunzjonijiet purche ikunu gravi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubbju f'min ghandu jiggudika*." Dan il-ħsieb ġie konfermat f'diversi sentenzi oħra u fil-kawża **B Edwards vs Avukat Dr N A Xuereb *noe***[42] l-Qorti qalet li: *"Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza 'de visu' jew il-flagranza, bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt*."

---

[38] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar 2003.

[39] Deċiża mill-Prim Awla Qorti Civili fis-7 ta' Marzu 1919.

[40] Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċit. Nru. 98/2002/1RCP).

[41] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' April 1953.

[42] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' Frar 1961.

Għaldaqstant il-prova fl-adulterju hija kollox. Jirriżulta mill-ġurisprudenza, *stante* li l-liġi nostrana ma hix speċifika f'dan ir-rigward, illi mhux kwalunkwe allegazzjoni hija tali li tipprova l-adulterju, iżda l-indizji preżentati jridu jkunu ġabra ta' provi gravi li ma jħallu l-ebda dubju fil-ġudikant li dak l-aġir jikkostitwixxi adulterju mingħajr ma titlob li l-adulterju jkun pruvat fil-flagranza.

Dwar l-Artikolu 40 il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għall-każ fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson**,[43] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli *da parti* ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[44] u **Antoinette Cauchi vs D Cauchi**,[45] ġie ritenut illi fir-rigward ta' **moħqrija**, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* Mill-ġurisprudenza jidher illi l-kelma '**moħqrija' u s-'sevizzi'** jfissru l-istess ħaġa.[46] Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti**,[47] irritjeniet illi: *"Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA C utrinque, 16 Marzu 1898]."*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' **theddid u vjolenza**, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza*

---

[43]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru. 1677/1995/RCP).
[44]Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[45]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru. 1677/1995/RCP).
[46] Antoinette Cauchi vs D Cauchi, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru. 1677/1995/RCP).
[47] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru 2015.

*f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[48] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **JoB Tabone *pro et noe* vs Jesmond Tabone**,[49] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[50]; Skond l-istess Qorti "*Is-swat, …, hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[51]

Dwar it-theddid tgħid il-Qorti *"Illi l-agravju ta' theddid tinkludi kliem bil-miktub jew bil-fomm jew anke agir li jinghadu jew jsiru bil-ghan li twegga lil parti l-ohra u biex trendilhom hajjithom mizerabbli u skuntenta."*[52]

Dwar **L-inġurji u offizi gravi** l-Qrati tagħna jgħidu li "*ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom*",[53] filwaqt li ġew definiti bħala li jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz.

Fil-kawża **C utrinque** il-Qorti kienet qalet*: "Le ingurie, per essere causa di separazzione devono essere gravi e non semplici invettive scambiate reciprocamente dai conjugi quante insieme si querelavano".*[54] F'dan ir-rigward, huwa wkoll notevoli l-pronunzjament tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza fl-ismijiet **Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass**,[55] li kkwotat is-segwenti: "*Huwa assodat fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi meta wiehed mill-konjugi jakkuza, jallega, jew jaddebita relazzjonijiet extra-maritali, una volta imbaghad dawn ma jigux provati lanqas permezz ta' xi indizji precizi u konkordanti, dan jikkostitwixxi ingurja gravi, li anke*

---

[48]Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud, deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[49]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru 2003.
[50]Genoveffa Magri vs Joseph Magri, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[51]Charmaine Zahra *pro et noe* vs Alfred Zahra, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.
[52] C utrinque deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Marzu 1898.
[53] Sentenza fl-ismijiet Marthese Vella *pro et noe* vs George Vella deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar 2003.
[54] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Marzu 1989.
[55]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, (Ċit. Nru. 98/2002/1RCP).

*wahedha taghti lok ghas-separazzjoni."*

Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**, ġia ċitata tagħti tifsira lil **eċċessi**, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Teżisti mbagħad id-distinzjoni bejn eċċessi u sevizzi. Fadda jgħallem illi *"Sono "eccessi" tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge"*.[56] Mill-banda l-oħra,*"Sevizie sono quegli atti di crudelta' verso il coniuge che, se non ne mettono in pericolo la vita, nondimeno quasi quotidianamente lo tormentano".*[57] Baudry Lacantinerie jikkonferma illi: *"Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima. Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione"*.[58]

Il-konvenut jgħid li l-attriċi hija ħatja tal-firda għaliex abbandunat id-dar matrimonjali mingħajr raġuni valida. L-Artikolu 41 tal-Kap 16 jgħid kif ġej dwar l-abbandun:

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."*

Hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine B Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb *noe***[59] fejn il-Qorti sostniet illi:- "*Skont l-artikolu 48 (illum 41) jikkostitwixxi ġusta kawża għas-separazzjoni **l-abbandun ta' parti lill-oħra mingħajr raġuni tajba jekk idum għal sentejn jew iżjed***..." u "*Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax*

[56] Giurisprudenza, Art.150, para. 214.
[57] Giurisprudenza, Art.150, para. 241.
[58] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.
[59] Deċiża mill-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar, 1961.

*b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr irrekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun*."

<u>*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern*</u>

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, waslet għall- konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment. Konsegwentement, il-Qorti tqis li hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

L-attriċi tisħaq li dan iż-żwieġ tkisser minħabba (i) l-adulterju tal-konvenut, (ii) is-sitwazzjoni finanzjarja minħabba li l-konvenut ma kienx jagħtiha biżżejjed flus għall-ħajja u (iii) vjolenza kemm fiżika u kif ukoll emozzjonali *da parti* tal-konvenut, liema kwistjonijiet skont l-attriċi taw lok għal eċċessi, minaċċi, sevizzi theddid, inġurji gravi, vjolenza domestika u adulterju. L-attur minn naħa tiegħu jiċħad dan kollu u jgħid li l-attriċi qatt ma kienet kuntenta għalkemm kien jipprova jagħtiha dak li tixtieq u kien ikollhom problemi kbar finanzjarji għaliex dejjem tonfoq bl-addoċċ u tiffissa li mhux qed ikun fidil lejha filwaqt li ma tgħinux fid-dixxiplina tat-tfal sakemm waslet biex abbandunat id-dar matrimonjali mingħajr raġuni valida.

Il-Qorti evalwat il-provi bir-reqqa, speċjalment fid-dawl tal-fatt illi ż-żewġ verżjonijiet preżentati mill-partijiet jippreżentaw stampa dijametrikament opposta għal ta' xulxin u qajla jiġu preżentati provi fattwali ta' dak li qed jiġi allegat. Għalkemm l-attriċi tallega ħafna affarijiet serji speċjalment dwar adulterju u vjolenza minn naħa tal-konvenut, tippreżenta xhieda ta' familjari u professjonisti li ħafna mid-drabi jixhdu fuq dak li qaltilhom l-attriċi, filwaqt li minn naħa tagħha ma tippreżentax provi ta' natura oħra bħal ma jistgħu jkunu rapport, ċertifikati mediċi, ritratti etc.

Il-Qorti għalhekk sejra tgħaddi sabiex tevalwa dak mintqal mill-partijiet infushom u x-xhieda li xehdu dwarhom biex tasal għall-konklużjoni aħħarija dwar it-tortijiet tat-tkissir ta' dan iż-żwieġ.

L-attriċi tixhed li mill-bidu taż-żwieġ il-konvenut kellu tendenza li jagħti wiċċ lil ħaddieħor u tkompli billi tgħid li kien jirrakkonta stejjer dwar nisa ma' sħabu tant li hi kienet tħossha skomda. Tgħid li mbagħad fiż-żwieġ kien hemm inċidenti li komplew saħħewlha l-fehma li l-konvenut ma kienx qed ikun fidil lejha. Issemmi li kien idum iljieli barra meta kien jaħdem ġo lukanda u ma jgħidiliex fejn ikun, issir taf li jieħu l-*leave* meta ma kinitx tkun taf, issib messaġġi ta' nisa oħra anke ta' natura sesswali, issemmi relazzjoni ma' ċertu O P, omm tfajla li kien joħroġ magħha t-tifel tal-partijiet u li magħha tgħid li kellu relazzjoni l-konvenut, issemmi wkoll lil M, it-tifla tal-kuġina tagħha li wkoll tgħid li magħha l-konvenut beda jqatta' ħafna ħin u li anke ħassu mdejjaq meta bdiet toħroġ ma' ġuvni *etc*. Omm l-attriċi tgħid li "*I always used to notice that Alex used to eye other women. I did not like this but never said anything.*"[60] Madanakollu la ssemmi l-ebda istanza fejn rat dan jiġri u lanqas ismijiet u mod kif sar dan l-aġir minn naħa tal-konvenut.

Il-konvenut min-naħa tiegħu jiċħad kull akkuża ta' adulterju u jgħid li l-attriċi kienet tiffissa li hu qed jagħti wiċċ ħaddieħor u jispjega fid-dettall, anke fil-kontro-eżami tiegħu, l-ħinijiet tax-xogħol li kien ikollu u jispjega l-bżonn li kien ikollu, meta kien jaħdem ġewwa lukandi, li jibqa' ħinijiet twal fuq ix-xogħol. Jgħid li din kienet katina mal-fatt li kienu bżonn il-flus għaliex jaqalgħu kemm kienu jaqalgħu dejjem kienu magħfusin bil-flus minħabba li l-attriċi kienet dejjem trid aktar anke jekk magħfusin. Il-konvenut jgħid li lanqas kieku ried jagħmel xi ħaġa ma seta' għaliex missier l-attriċi kien ħabib tas-sid tal-lukanda u nies oħrajn fil-lukanda u għalhekk żgur li ma seta' jagħmel xejn. Jammetti fil-kontro-eżami li kien jara l-pornografija u jgħid li dan ma jiċħdux żgur iżda jgħid li l-attriċi tonqos milli ssemmi kemm kienet traskuratu għal snin sħaħ fejn ma kinitx tħallih jorqod fl-istess kamra tas-sodda magħha u kienet tgħajjru maħmuġ u jinten.

L-attriċi għalkemm tagħmel dawn l-allegazzjonijiet kollha dwar l-imġieba tal-konvenut ma' terzi ma ġġib l-ebda prova dwar dan. Għalkemm issemmi lil O P u lil M b'isimhom ma tipproduċihomx bħala xhieda. Lanqas ma tippreżenta xi messaġġi mill-ħafna li ssemmi li kien jirċievi l-konvenut u l-ebda xhud ma xehed fis-sens li ra xi aġir minn naħa tal-

---
[60] Fol. 1093.

konvenut li jindika li l-konvenut kellu relazzjoni adulteri ma' nisa oħra. Anzi jixhed ix-xhud ta' Inspirations Ltd. Li, f'kumment mhux f'dan il-kuntest, jgħid li meta l-konvenut kien jitlaq mix-xogħol għaliex kien ikollu bżonn imur ħdejn il-ħaddiema li kienu qed jagħmlulu d-dar jew xi appuntament mediku, jgħid li "*jiena ma kellix problema ghaliex il-hin li kien jaghmel barra kien ipattih bil-kbir.*"[61] Dan jixhed għal *work ethic* li kellu l-konvenut u għalhekk il-Qorti tara verosimili l-verżjoni tiegħu li kien idum ix-xogħol fil-lukandi minħabba n-natura tax-xogħol u l-fatt li x-xogħol kien jieħdu bis-serjetà. Fil-fatt jixhed l-istess xhud li l-konvenut kellu *performance* tajba ħafna x-xogħol. Dan l-istess xhud kien jaf lill-partijiet minħabba li kien jattendi magħhom laqgħat tal-Gruppi Familji Nsara.

Minn kif jirriżulta mill-ġurisprudenza nostrana għalkemm ma hemmx il-bżonn illi l-adulterju jiġi pruvat b' testimonjanza 'de visu' jew il-flagranza, madanakollu l-Qorti ma tistax toqgħod fuq allegazzjonijiet mhux pruvati u trid li jkollha indizji gravi, preċiżi u konkordati b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika. Il-Qorti ma tħossx li hawnhekk, għalkemm issemmew mill-attriċi numru ta' inċidenti, ġie pruvat dan u l-attriċi naqqset milli tipproduċi provi b'tali mod li jikkonvinċu l-Qorti li l-konvenut verament kien qed jikkommetti adulterju.

Ikkonfermat li ma kien hemm l-ebda prova suffiċċjenti rigward l-allegati relazzjonijiet adulteri *da parti* tal-konvenut, il-Qorti sejra tkompli tevalwa r-raġuni wara t-tkissir taż-żwieġ in kwistjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għall-allegata vjolenza morali u fiżika mill-konvenut fuq l-attriċi u wliedha u nuqqas ta' kontribuzzjoni finanzjarja *da parti* l-konvenut.

L-attriċi tallega u titkellem fit-tul dwar il-vjolenza li kellha tissubixxi taħt il-konvenut li tgħid li l-ewwel bdiet bi vjolenza fuq it-tfal u mbagħad anke fuqha. Filwaqt li l-konvenut jiċħad kull tip ta' vjolenza, huwa jgħid li l-attriċi kienet l-ewwel tirrabjah imbagħad tilgħabha tal-vittma filwaqt li mat-tfal ma tiġbidx l-istess ħabel meta jiġi biex jiddixplina lil uliedu u tħallihom jagħmlu li jridu. Professjonisti diversi wkoll xehdu dwar l-allegat vjolenza fuq l-attriċi u l-istat li l-attriċi kienet fih. Il-Qorti tħoss illi

[61] Fol. 1111.

dak li ġara fiż-żwieġ ma kienx sempliċiment storja ta' vjolenza tal-konvenut fuq martu u wliedu. Il-Qorti tħoss li meta evalwat il-provi l-istorja li toħroġ hija waħda kumplessa fejn kif tiddeskrivi tajjeb il-*family therapist* V C u anke Dr Etienne Muscat il-karattri taż-żewġ partijiet kienu kompletament differenti minn xulxin kemm bħala karattru, kemm x'jogħoġbhom u kemm kif jirreaġixxu għal dak li jkun qed jiġri madwarhom.

L-attriċi tgħid li kienet mill-bidu tħossha abbandunata għaliex il-konvenut kien iħalliha weħedha u lanqas jgħidilha fejn qiegħed u minkejja li kienet dejjem tibki u tistennih hu ma kienx jagħtiha sodisfazzjoni fejn qiegħed jew jagħti każ li hi tkun qed tinkwieta. Meta twieldu t-tfal tgħid li lanqas kien jgħin f'xejn u li kien ikollha tagħmel kollox weħedha, filwaqt li hu jiġi mix-xogħol u jintefa fuq is-sufan u jordnalha tagħmillu għaliex tgħid li kien jgħidilha "*Dak xogħolok. Jien xogħli mmur nahdem."* U dan anke meta qabditha *pneumonia*. Sadanittant tgħid li kienu mgħaffġin ħafna bil-flus u li l-konvenut kien anke jiġbed il-flus mingħajr ma jgħidilha u anke ħallas *suppliers* tal-*istationery* fejn kien jaħdem għal xi żmien mingħajr ma qalilha. Madanakollu l-ikbar problema li ssemmi hija li l-konvenut kien dejjem jgħajjat u jirrabja u jgħidilha li ma tafx iżżomm lit-tfal kwieti. Tgħid li ma kienx jilgħab magħhom u li kien vjolenti magħhom "*He would punch and kick the children and sometimes he would lift them up in anger, shouting at them continuously."* … "*Another time, when G was about 14 or 15 years old, Alex was in such a rage that he literally picked him up and banged him against the wall. In doing so, he hit G on his eye and gave him a bruise."*[62]

Tirrakkonta kif magħha wkoll kien kontinwament jgħajjat, jirrabja, jheddidha u jordnalha. Tgħid li lanqas meta gradwat ma ċċelebra magħha dan l-*achievement* u lanqas marru l-Ingilterra għal gradwazzjoni ta' kors li għamlet *by correspondence* minħabba l-flus. Tgħid li *"Usually, he was most abusive towards me when the children were not at home but at school, and later at work. He would even throw things at me and it is a miracle that he never injured me. His shouting was out of this world and he would call me names using vulgar descriptions such as "int sahta minn Alla", "qahba", "ja annimal", "int min iridek?", "zibel", "injoranta",*

[62] Fol. 924.

*"dimonju", "int tishet", "daqs kemm int kerha!", "hoxna", "ghandek zaqq ma tispicca qatt", "fejn tkun inti ikun hemm ix-xitan", "int u l-hmieg ta' l-art l-istess", "dejjem teqred", and so on and so forth. He would also make vulgar hand gestures. Naturally, there were also a few times when the kids would be witnessing all of this. He would criticise everything I did, even once criticising my paintwork when I painted the sitting room as a surprise. Alex's aggressive behaviour only became worse as the years went by."*[63]

Minn naħa tiegħu l-konvenut jixhed li żviluppaw diversi problemi fiż-żwieġ u jsemmi bħala problema ewlenija dik tal-flus u li għall-attriċi xejn ma kien biżżejjed u li dejjem riedet iktar. Jispjega li minbarra li dak li kien jagħmel id-dar qatt ma kien ikun biżżejjed għall-attriċi, hu kien jistenna li jsib platt lest wara x-xogħol iżda ħafna drabi kien ikollu jagħmel hu għaliex dejjem kienet tgħid li għajjiena jew trid toħroġ tiekol barra. Isemmi li jaħdem kemm jaħdem kienu dejjem magħfuqsin bil-flus u li l-attriċi kienet tonfoq kull ma kien ikollhom dak ix-xahar, ikun kemm ikun. Huwa jsemmi l-movimenti kollha li għamlu minn post għal l-ieħor, fatt li ma jissemmiex mill-attriċi. Jgħid li l-ewwel lestew il-post tan-Naxxar, imbagħad l-attriċi jgħid li ossessjonat fuq il-wirdien u riedet titlaq minn hemm u wara ħafna ċeda u krew post Buġibba u bdew ifittxu post ieħor. Sadanittant fis-Sajf kienu jmorru Għawdex imbagħad bdew imorru tliet xhur Buġibba. Peress li kienu ħallsu d-dejn kollu l-konvenut ħass li ma kellhomx jidħlu għal piż ieħor u għalhekk propona li jikru post ħdejn il-baħar ħalli ma jerġax jibda l-ġlied bejniethom fuq il-finanzi. Madanakollu l-attriċi riedet issib post ieħor u fil-fatt sabu post il-Mosta li l-konvenut m'għoġbux imma kien il-post tal-ħolm għall-attriċi. Sadanittant sakemm kienu Buġibba, l-attriċi riedet timxi minn l-ewwel post li kienu joqgħodu fih għal post eqreb lejn il-baħar. Wara li mxew darbtejn ġewwa Buġibba, xtraw post il-Mosta u għalkemm il-Mosta kien il-post li dejjem xtaqet xorta riedet tmur Buġibba fis-Sajf.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi dan kollu jsaħħaħ dak li jgħid il-konvenut meta jgħid li dejjem riedet aktar. Dan kien ipoġġi pressjoni qawwija fuq il-konvenut li bir-raġun li kien iħoss li dejjem irid jaħdem iktar biex ilaħħaq mal-ħajja. Jidher ukoll li ħafna drabi minkejja li l-attriċi tixhed dwar il-

[63] Fol. 927.

karattru dominanti tal-konvenut, hu kien iċedi u fil-fatt għamlu dan iċ-ċaqlieq kollu kif xtaqet hi għaliex hu kull darba kien iċedilha anke jekk kif tgħid hi dan kien isir wara ħafna. Dan iċ-ċaqlieq ma jissemmiex fl-affidavit tal-attriċi. Il-Qorti tħoss li kif tgħid ukoll V Delicata, il-konvenut kien fil-fatt jipprova jikkuntenta lill-attriċi iżda dan donnu qatt ma kien biżżejjed. Interessanti fil-fatt id-diversi episodji li jsemmu l-familjari tal-konvenut fejn fost l-oħrajn ħu l-konvenut jixhed dwar inċident[64] fejn hu sellef il-*Backlays Bank Card* tiegħu lil ħuħ meta marru vaganza ġewwa l-Ingilterra għal li jista' jkun jinqala' xi ħaġa urġenti u meta ġew lura l-attriċi qaltlu li użaw seba' mitt Sterlina (£700) għax kien hemm ħafna affarijiet irħas u xtraw u hu raha stramba kif għamlu hekk meta magħfusin bil-flus.

Tgħid fil-fatt V Delicata[65] "*Alex kien iħossu in a lose-lose situation fejn hafna mid-drabi he couldn't meet her expectations. Naturalment din mhix raguni ghall-ghajjat. Huma differenti hafna minn xulxin kemm bhala karatru kif ukoll f'dak li joghgobhom. Din il-fatt li he can't meet her expectations kienet tkun wahda mir-ragunijiet ghala kien jghajjat u taqbizlu.*" Fil-fatt il-Qorti tħoss li l-konvenut għamel ħafna passi fid-direzzjoni tagħha sabiex jikkuntentaha speċjalment f'kull pass li għamlu minn hawn għal hemm fejn riedet tmur tgħix, minkejja li hu ma kienx jaqbel. Sa l-aħħar snin, fejn ir-relazzjoni tagħhom kienet fl-aħħar tagħha, l-attriċi riedet tixtri dar il-Mosta u għalkemm ma kienx jaqbel li jerġgħu jidħlu għal dejn ieħor, xorta anke f'dak il-mument għamel kif xtaqet hi. Minkejja għalhekk li l-attriċi tgħid u tirraporta anke ma' professjonisti li l-konvenut kien dominanti madanakollu saru ħafna affarijiet kif xtaqet hi tul il-kors tal-ħajja matrimonjali u għalhekk wieħed ma jistax ma josservax illi d-dominanza forsi kienet tidher minn barra li kienet parti mill-karattru tar-raġel madanakollu hu baxxa rasu wkoll għal ħafna passi li riedet tieħu hi. Dan l-aspett joħroġ ukoll minn dak li tgħid V Delicata fejn fis-sessjonijiet li kellhom il-partijiet quddiemha tgħid li "*kienet tghid f'wicc zewgha li l-emozzjonijiet taghha lejh kienu spiccaw u kienet twegghu b'tali diskors.*" F'dan ukoll fil-fatt joħroġ karattru ta' dominanza fuqu.

Il-Qorti tħoss li kien hemm eżasperazzjoni fuq dan minn naħa tal-konvenut li bħal donnu kien iħossu li jagħmel kemm jagħmel qatt ma hu

---

[64] Fol. 1130.
[65] Fol. 1025.

biżżejjed għaliex l-attriċi dejjem riedet aktar.  Dan kien iħossu anke fl-affarijiet tad-dar li jgħid li kien jagħmel u li hi qatt ma kienet tapprezza. Jgħid fil-fatt il-konvenut "*Jien kont inħossni taħt pressjoni biex indaħħal paga tajba għaliex A kellha ħabta illi ddaħħal xi ħaġa f'moħħha fis-sens li kienet toħlom li riedet tixtri jew tagħmel xi ħaġa u kienet tkun trid tixtriha jew tagħmilha akkost ta' kollox. Kien ikun inutli li ftehmha illi ma kellniex flus biżżejjed għaliex trid tara kif tagħmel biex tissodisfaha, inkella tibqa' tgorr. Ezempju - Naghmel paga ta' 500 lira naddu biha xahar..naghmel paga ta 1000 lira ix-xahar ta wara ...jintefaq kollox f'xahar xorta!"*[66]

Kif tgħid V Delicata hu kien joħroġ ir-rabja tiegħu bl-għajjat u skont l-attriċi bil-vjolenza fiżika wkoll li ovjament il-Qorti tikkundanna bl-iktar mod akut.  Min-naħa tal-konvenut kien jinfexx b'dan il-mod fejn tgħid l-istess V Delicata "*Il-fatt li jghajjat, ikun vjolenti b'lehnu u kellu diffikulta bl-emozzjonijiet ghaliex meta jirrabja jirrabja bl-ikrah u kienet titwerwer kif jitwerwru t-tfal – dawn kienu affarijiet li ssemmi A...L-ghajjat li ddiskrevejt hu ghajjat vjolenti u cioe li jbezza u li jintimida fis-silenzju lill-parti l-ohra. Minflok jiddjaloga kien jinfexx jghajjat u kien hemm zmien fejn kien withdrawn u allura ma kienx hemm djalogu."*.  Tgħid li "*Kien hemm zmien fejn kien jipprova jikkuntentaha ghax anke jekk ma jaqbilx kien jipprova – imma jerga' jaqa' ghall-vjolenza (li nispecifika li kienet emozzjonali, psikologika u ta' ghajjat u ma nafx li kienet fizika) u jerghhu back to square one."*

Il-Qorti hija konvinta illi l-vjolenza fil-fatt tirriżulta, ta' lanqas fil-forma emozzjonali min-naħa tal-konvenut.  Ma jiġux preżentati ritratti jew ċertifikati jew rapporti minn naħa tal-attriċi madanakollu anke minn dak li tgħid Elaine Compagno li minn dak li semmiet l-attriċi ħareġ pattern ta' vjolenza domestika.  Fil-fatt jgħid il-konvenut stess li "*Kienet tinfurjani, bl-ilsienha ma jieqafx u x'ħin tinfurjani u nirrabja mbagħad tilgħabha tal-vittma."*  U għalhekk il-konvenut hawn qisu jammetti dwar ir-reazzjonijiet tiegħu.  Min-naħa tiegħu il-Qorti ma tħossx li sar biżżejjed biex jindirizza l-problema li kellu ta' kif jaffaċja dawn is-sitwazzjonijiet u minflok baqa' jirrreaġixxi bl-istess mod mal-attriċi fejn kien iwerwirha bl-atteġjament tiegħu.  L-attriċi ma ġġib l-ebda prova ta' vjolenza fiżika u tgħid li minn naħa tagħha qatt ma għamlet rapporti għaliex it-tifel il-kbir kien Pulizija u

---

[66] Fol. 1119.

ma riditx timbarazzah. Madanakollu jekk kif tixhed hi, l-vjolenza kienet ilha għaddejja tul iż-żwieġ u t-tifel kien għadu żgħir u ma kienx għadu sar Pulizija. Lanqas ma jiġu preżentati ritratti jew ċertifikati ta' tobba, madanakollu l-Qorti tinnota r-rapport li kien għamel it-tifel F fuq missieru meta F kellu għoxrin sena (u għalhekk lanqas ma kien daqsekk żgħir) fejn jintqal fir-rapport illi: "*IL-KWERELANT F C IRRAPORTA LLUM GEWWA L-GHASSA TAL-PULIZIJA TAN-NAXXAR FEJN STQARR LI WAQT LI FTIT TAL-HIN QABEL WAQT LI KIEN FIR- RESIDENZA TAL-GENITURI TIEGHU NO:40, YURANA, TRIQ IT-TORRI GAUCI, NAXXAR HU KELLU ARGUMENT MA MISSIERU ALEX C RIGWARD IL-GAGGA TAL-FENEK FEJN HIN MINNHOM SPICCAW FL-IDEJN. F C QAL LI HIN MINNHOM HU KIEN QED IZOMM IL-GAGGA U MISSIERU GHOLLIEHA U DIN IL-GAGGA WAQGHET FEJN HU NGIREF F'DIU BIL-GAGGA IMBAGHAD MISSIERU TAH DAQQA B'IDEJH FUQ GHAJNEJH. F C ZIED JGHID LI HU MA XTAQX LI JGHIX AKTAR FID-DAR PERESS LI ILU ZMIEN TWIL JISAWWAT MINN MISSIERU. F KIF UKOLL HUH G, ID:366488M QALU LI MHEMMX RELAZZJONI TAJBA BEJN IL-GENITURI U MISSIERHOM GHANDU WKOLL PROBLEMA TA' NERVI KBAR...*

*IL-PULIZIJA KELLMU WKOLL LI ALEX C FEJN DAN QAL LI L-MARA TIEGHU A C BDIET TKELLEM IL-F PERESS LI L-GAGGA TAL-FENEK KIENET QED TINTEN U META MA BEDIEX JGHATI KASHA HU QABAD IL-GAGGA BIEX JITFAHA L-BARRA U F MA HALLIEHX. ALEX C QAL LI HU FL-EBDA HIN MA REGA JDEJH FUQ IBNU. META ALEX C GIE MWISSI SABIEX MA JERFAX IDEJH DAN B'MOD ARROGANTI QAL LI HU GHANDU KULL DRITT, META DAK KIEN L-UNIKU MOD LI BIH KIENU JOBDU.*"

Kif jidher fl-aħħar tar-rapport allura l-konvenut bħal donnu jammetti li refa idu u jiġġustifika dan billi jgħid li dan kien l-unika mod li bih it-tfal kienu jobdu. Din kienet fil-fatt problema oħra li dwarha l-konjuġi jirriżulta li kellhom għadd ta' argumenti, propju l-mod kif jiddixxiplinaw lit-tfal. Filwaqt li jidher li l-attriċi ma kinitx tikkopera biex tiddixiplina lil ulieda, minn naħa l-oħra l-konvenut ma kienx jieqaf fil-limiti ta' dixxiplina aċċettabbli u r-rabja tiegħu kienet toħroġ b'mod vjolenti kif anke jirriżulta

minn dan ir-rapport.  Tixhed oħt il-konvenut[67] dwar inċident sempliċi li iżda jgħid ħafna dwar dan il-punt fejn anke meta kellha lit-tifel li hi addottat u kien għadu ġej mir-Rumanija fi stat fraġli u *malnutritioned* u t-tfal tal-partijiet bdew jilgħabu bil-goff u jgħaffġu fuqu u hu deher jiddejjaq u jibki, l-attriċi m'għamlet l-ebda pass biex tikkoreġihom.  Tixhed ukoll oħtu l-oħra li tgħid li omm l-attriċi kienet tmur teħodilha lit-tifel G biex isserraħha u mhux tinkoraġġiha taġixxi ta' omm ma' binha.  Jidher fil-fatt li l-konvenut kien jiġbed ħabel waħdu f'dan l-aspett u kien imur l-estrem l-ieħor għaliex kien jippretendi li t-tfal joqgħodu għal kollox kwieti waqt li hu jara l-futbol u jidher ukoll li mhux l-ewwel darba li sawwathom biex jobdu.  Għal darba oħra iżda l-ebda professjonist ma xehed dwar xi vjolenza fiżika li ra hu fuq it-tfal.

Din id-differenza fid-dixxiplina tidher li wkoll kienet tikkawżalhom argumenti kontinwi.

Jirriżulta ċar li maż-żmien l-attriċi għajjiet u bdew jatuha wkoll attakki ta' ansjetà koroh.  Jgħid il-psikjatra Dr Etienne Muscat illi *"Kien ikollha wkoll panic- attacks-severe anxiety. Jien tajtha ukoll medikazzjoni biex tikkontrolla l-anzjeta' li kienet qed tikkontrolla ħajjitha u s-sessions biex jgħinuha fil-ħajja in generali u biex issolvi l-problemi li kellha. Fir-rapport tiegħi nsemmi intense emotional reactions u ngħid li n-natural ta' A dak hu għax toħodhom bi kbar l-affarijiet u ma tistax tagħmel jew ssib aktar diffikulta' biex tagħmel compartilisation ta' żewġ problemi f'daqqa u jkun hemm iktar possibilita' ta' anzjeta'. L-aktar sors enduring u konsistenti tal-anzjeta' kien ir-raġel u r-relazzjoni miegħu. Il-karattru tagħha li toħodhom bi kbar compiled bil-problemi li sabet ruħha fihom komplew ggravaw is-sitwazzjoni. Issa ilha sentejn li telqgħet minn mar-raġel u xorta baqgħet ssemmi ħolm ikrah swaru u beżgħet minnu. Hi tħossha li hi l-vittma u ġiet trattata ħażin f'din is-separazzjoni u tul ir-relazzjoni taż-żwieġ tagħhom u li din għadha tippersisti għax hi tħossha li she was wronged."*

Il-Qorti hija konvinta li kien hemm diversi kawżi ta' dawn l-attakki ta' ansjetà u għalkemm l-għajjat u r-rabja minn naħa tar-raġel żgur li kienu l-kawża primarja ta' kif kienet qed tħossha l-attriċi, madanakollu l-

[67] Affidavit ta' I C a fol. 1135.

argumenti ġenerali li kien qed ikollhom il-partijiet għal diversi raġunijiet li kienu jaħtu għalihom iż-żewġ partijiet kif ġa spjegat, flimkien mat-trobbija ta' tliet itfal u t-toqol li dan iġib miegħu, kif ukoll l-istudju u x-xogħol li daħlet għalih l-attriċi u ċ-ċaqlieq kontinwu minn dar għal oħra ma setgħux ma jikkontribwixxux għal eżasperazzjoni li kienet qed tħoss. Għalkemm l-attriċi kkonċentrat biss fuq l-aġir ta' żewġha, u bir-raġun għaliex dan kien jaqbeż il-limiti ta' rabja normali f'nofs argument maritali, iżda minn naħa l-oħra wieħed ma jistax jinjora l-kawżali l-oħra li żgur kienu qed jikkontribwixxu għal l-istress li kien qed ikollha.

Meta fl-aħħar telqet mid-dar, il-konvenut jallega li għamlet dan għaliex bdiet relazzjoni adultera. Hu jgħid li kien segwiha u ra l-karozza tagħha kemm filgħodu u kif ukoll bil-lejl ipparkjatha fi Triq ik-Kannizzata f'Ħal Balzan u jikkonkludi li telqet mid-dar għaliex riedet tibda relazzjoni ma' persuna oħra. Apparti l-fatt li b'dak li qal l-konvenut biss wieħed ma jipprovax relazzjoni adultera, il-problemi fiż-żwieġ kienu ħafna u kienu ilhom għaddejjin għal snin sħaħ kif jixhdu d-diversi professjonisti li taw xhieda f'dan il-każ u għalhekk żgur wieħed ma jistax jgħid li l-kawża tat-tkissir taż-żwieġ kienet xi relazzjoni oħra li kellha l-attriċi fl-aħħar meta telqet mid-dar. Altru li kien hemm għadd ta' problemi bejn il-konjuġi li preċedew dan l-akkadut, jekk verament seħħ. Għal din ir-raġuni wkoll żgur ma jistax jirriżulta l-abbandun li l-konvenut jattribwixxi lill-attriċi għaliex il-liġi trid li biex l-abbandun ikun jikkostitwixxi ġusta kawża għas-separazzjoni l-abbandun ta' parti irid isir mingħajr raġuni tajba.

Il-Qorti hija moralment konvinta li ma kinitx xi relazzjoni adultera minn naħa tal-attriċi (li lanqas biss ġiet pruvata) li kissret ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet. Il-Qorti hija moralment konvinta li kif jispjegaw il-professjonisti li xehdu f'dan il-każ, il-karattri tal-partijiet kienu dijametrikament opposti anke fil-mod kif jirreaġixxu għal dak li jseħħ fil-ħajja, u filwaqt li l-attriċi ma kienx faċli tgħix magħha minħabba li kienet tidher li qatt ma tkun kuntenta u dejjem trid iktar, filwaqt li r-raġel kien jaħdem qatiegħ biex ilaħħaq mal-istil ta' ħajja li kienet trid tgħix l-attriċi, minn naħa tiegħu ma indirizzax il-problemi tiegħu fejn jirriżulta li kellu diffikultà kif jikkomunika l-frustrazzjoni tiegħu mal-attriċi u wliedhom u kien joħroġha bl-agħar mod possibli *ċioé* permezz ta' vjolenza emozzjonali ċertament u possibilment anke fiżika.

Fir-rigward tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-konvenut lejn il-bżonnijiet ta' familtu, il-Qorti tinnota li wara evalwazzjoni bir-reqqa tal-proċess ma sabet l-ebda prova li tikkorrobora l-allegazzjoni tal-attriċi. Il-Qorti tinsab rinfaċċjata b'żewġ verzjonijiet kunfliġġenti, fejn l-attriċi tisħaq li qatt ma kien ikollha flus f'idejha, filwaqt li l-konvenut jgħid illi l-flus li kien jaqla' kien jgħaddihom lil martu li kienet tiggestixxi l-flus hi. Għalkemm il-Qorti ma teskludix li jista' jkun minnu li f'xi drabi l-konvenut ma kienx jikkontribwixxi finanzjarjament għall-bżonnijiet ta' familtu jew li kien xħiħ f'xi mumenti, il-Qorti xorta waħda ma tinsabx f'posizzjoni li tikkonkludi favur l-attriċi meta ma pprovdietx prova inekwivoka li tikkorrobora l-verzjoni tagħha. Anzi mill-mod kif imxew minn proprjetà għal oħra jidher li l-konvenut ikkuntentaha fi proġetti kbar u għalkemm kien hemm allegazzjonijiet ta' logħob tal-azzard minn naħa tal-attriċi fuq il-konvenut, dawn lanqas ma ġew pruvati.

Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtija għat-tkissir taż-żwieġ tiġi attribwita liż-żewġ partijiet. Għaldaqstant, il-Qorti ma ssibx lil ebda parti ħatja ta' adulterju u ssib lil konvenut ħati ta' sevizzi u offiżi gravi *stante* l-vjolenza emozzjonali u possibilment fuq il-persuna tal-attriċi, filwaqt li ssib lill-attriċi ħatja ta' sevizzi fil-konfront tal-konvenut li rrendew il-ħajja ta' bejniethom insopportabbli. Il-Qorti ma ssibx lill-attriċi ħatja ta' abbandun *stante* li ma telqitx mid-dar mingħajr raġuni valida. Dawn il-fatti u ċ-ċirkostanzi juru li l-partijiet it-tnejn kienu ħatja tat-tifrik taż-żwieġ, bi tlett kwarti tal-ħtija qed tiġi attribwita lill-konvenut u kwart tal-ħtija qed tiġi attribwita lill-attriċi.

3. **Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Attriċi u l-Konvenut:**

Il-partijiet jitolbu lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront tal-attriċi u l-konvenut id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti li tkun ħatja ta' xi waħda minn

dawn il-motivi *ai termini* tal-Artikolu 48 tal-Kap 16. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali *ai termini* tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula:

"*(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -*
*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*[68]
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkunkunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiz-zwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull kaz, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miz-zwieġ".*

L-Artikolu 51 jistipula:

*"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."*

L-Artikolu 52 jistipula:

*"Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' għemil li jagħti lok għall-firda."*

---

[68] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

Il-Qorti tħoss li l-ebda parti ma għandha tbati l-konsegwenzi ta' l-Artikoli 48 *et seq.* u dan peress li kif ġia spjegat iż-żewġ partijiet instabu ħatja tat-tkissir taż-żwieġ fi grad jew ieħor ħlief li tiddikjara li l-konvenut iddekada milli jitlob manteniment mingħand martu l-attriċi.

4. **Manteniment għall-attriċi**

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi titlob lil Qorti sabiex tordna lil konvenut iħallasha manteniment adegwat għaliha nnifisha. Fl-ewwel lok il-Qorti tibda sabiex tirrileva li ż-żewġ partijiet instabu ħatja għat-tkissir taż-żwieġ fi kwoti differenti. Madanakollu għandu jiġi ribadit illi *"il-kundanna ta' hlas ta' manteniment ma hiex marbuta mal-htija ghat-tkissir taz-zwieg izda mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz referibbli ghad-dhul rispettiv tal-partijiet u l-htigijiet taghhom".*[69]

Għaldaqstant fil-każ odjern kien jinkombi fuq l-attriċi l-oneru li tressaq il-provi rigward il-ħtiġijiet u d-dħul rispettiv tal-partijiet ġialadarba resqet talba għall-manteniment. Dan ifisser li l-attriċi kien jeħtieġilha illi tistabbilixxi: (i) l-introjtu tal-partijiet, (ii) prova li l-introjtu tagħha ma huwiex suffiċjenti tenut kont tal-elenku tal-ħtiġijiet tagħha, u (iii) raġuni suffiċċjenti għaliex qiegħda tippretendi li titħallas manteniment fix-xahar minngħand il-konvenut. Il-Qorti tara li f'dan il-kuntest, l-attriċi tgħid li għandha tmienja u ħamsin (58) sena u għalhekk qrib l-età tal-pensjoni u għadha tbati mill-PTSD, iżda naqset milli tippreżenta dawk il-provi kif ritenut hawn fuq.

Tenut kont tal-premess, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi fil-preżent, l-attriċi ma jeħtiġilhiex tiġi mantenuta mill-konvenut, u dan fid-dawl tal-fatt illi: (i) jirriżulta ċar li l-attriċi wara li gradwat għal darba darbtejn bdiet taħdem fl-edukazzjoni u tgħid li issa hija *Inclusion Coordinator mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni*, b'hekk hija kapaċi tkun finanzjarjament indipendenti, (ii) mill-atti ma rriżultax li l-attriċi għandha xi impediment milli taħdem għaliex lanqas meta kienet fl-agħar żmien tal-attakki ta' paniku ma nġabux provi li ma kinitx tista' tmur ix-xogħol jew li dan

[69] Ara s-sentenza fl-ismijiet Donald Pirotta vs Elizabeth Pirotta, deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar is-17 ta' Ottubru 2016, mhux appellata.

affetwalha xogħolha u (iii) matul il-kawża odjerna, l-attriċi qatt ma resqet talba sabiex *pendente lite* tingħata manteniment.

Għaldaqstant il-Qorti f'dan l-istadju, u *rebus sic stantibus*, ma tarax li l-attriċi għandha tipperċepixxi manteniment min għand il-konvenut u dan ġaladarba hija finanzjarjament indipendenti u m'għandha l-ebda impediment milli taqla' l-għixien tagħha b'mod indipendenti.

5. **It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:**

Il-Qorti tirrileva illi ġaladarba l-partijiet iżżewġu nhar il-31 ta' Awwissu 1986, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*<u>Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

Permezz ta' Sentenza parzjali mogħtija nhar l-20 ta' Frar 2020, din il-Qorti laqgħet talba tal-attriċi u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16. Din is-Sentenza ma ġietx appellata u għalhekk għaddiet *in ġudikat.* Għalhekk l-20 ta' Frar 2020 għandha tkun id-data li fiha ġiet terminata l-komunjoni bejn il-partijiet.

*<u>Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom:</u>*

i. *<u>Fir-rigward tad-dar matrimonjali bl-indirizz 146, Honey Valley Residence, Appt 1, Constitution Street, Mosta konsistenti f'appartament u żewġ garaxxijiet</u>*, il-Qorti tara li din il-proprjetà immobbli nxtrat fiż-żwieġ u dan permezz ta' kuntratt li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr B Marie Tonna datat 12 ta' Marzu 2015.[70] Magħdud ma' dan u minn rapport ġuramentat datat 19 ta' Mejju 2022 kif mħejji

[70] Kopja tal-kuntratt a fol. 946.

mill-Perit Godwin P. Abela,[71] jirriżulta li din il-proprjetà ġiet stmata versu l-prezz ta' erba' mija u ħamsin elf Ewro (€450,000).

Fuq l-istess kuntratt ittieħed self mill-partijiet mill-Bank BOV għas-somma ta' mitt elf Ewro (€100,000). Ir-rappreżentanta tal-Bank BOV tixhed fis-seduta tad-9 ta' April 2018 illi l-"*houseloan kongunt miftuh li ghadu ma nghalaqx ghax sat-2 ta' Marzu 2018 kien hemm zbilanc ta' €86,657.57.01*"[72]

Il-partijiet għandhom ukoll *home block policy* li ġġib in-numru P95021831-18 f'isem iż-żewġ partijiet[73] bħala assigurazzjoni tal-blokk li fih jinsab l-appartament matrimonjali.

L-attriċi telqet mid-dar fis-17 ta' Settembru 2016 u minn dakinhar il-*loan* tad-dar baqgħet titħallas mill-konvenut waħdu waqt li hi bdiet tħallas il-kera u ġew esebiti riċevuti minn Jannar 2017 sa Diċembru 2019 – wara din id-data ma hemmx provi ta' iktar ħlas ta' kera.

Meta l-Qorti tieħu in konsiderazzjoni tal-fatt illi l-partijiet ma setgħux jibqgħu jirrisjedu flimkien tenut kont tal-fatt illi jirriżulta li *ż-żwieġ* tagħhom kien tkisser b'mod li la kien san għall-partijiet u lanqas għal uliedhom li joqgħodu flimkien, u tenut kont tal-fatt illi l-konvenut kien qed jispiċċa jkun vjolenti fir-reazzjonijiet tiegħu għal dak li kien qed jiġri, il-Qorti tikkunsidra li jkun ġust illi l-attriċi ma tirrifondix ħlas ta' *loan* imħallsa mill-konvenut mid-data li hi telqet mid-dar sad-data li ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti, iżda lanqas hu ma jirrifondi ħlas tal-kera tal-attriċi. L-attriċi iżda għandha tirrifondi nofs il-*loan* li tħallset mill-konvenut mid-data li ġie terminata l-komunjoni tal-akkwisti u *ċioé* l-20 ta' Frar 2020 sad-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, fil-waqt li tibda tħallas sehemha għal nofs il-*loan* mid-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat sakemm tinbiegħ id-dar.

Il-Qorti tordna li dan il-fond għandu jitpoġġa għall-bejgħ fis-suq miftuħ, bil-prezz valutat mill-Perit tal-Qorti, jew prezz ogħlha jekk

[71] Rapport a fol. 1444.
[72] Fol. 26.
[73] Xhieda tar-rappreżentanta ta' MAPFRE Middle Sea fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2019 a fol. 1014.

biss ikun hemm ftehim bejn il-partijiet, b'dan li kull parti jkollha d-dritt li takkwista n-nofs sehem indiviż tal-parti l-oħra għall-istess prezz offrut lil terzi jew għal kwalunkwe prezz ieħor miftiehem bejn l-istess partijiet. Meta tinbiegħ id-dar ir-rikavat għandu jiġi maqsum ugwalment bejn il-partijiet wara li jitħallas id-dejn kollu li hemm mal-Bank BOV fuq l-istess proprjetà u wara li jinqata' mis-sehem tal-attriċi nofs il-*loan* li tħallset mill-konvenut mill-20 ta' Frar 2020 sad-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, sakemm dan ma jkunx saldat minn qabel. Il-Qorti ma tħossx li l-attriċi għandha tieħu ammont ikbar mir-rikavat meta wieħed iqis ukoll illi kienet xewqa tagħha illi jixtru l-proprjetà tal-Mosta u għalhekk jidħlu għal dejn li l-konvenut ma xtaqx li jidħlu għalih. Fuq kollox iż-żewġ partijiet għandhom ishma ugwali f'dan l-ass u wara t-terminazzjoni tal-komunjoni jkun hemm arrekkiment indebitu jekk il-kapital jikber u l-partijiet ma jkunux taw sehemhom ugwalment.

Il-konvenut jippretendi li l-attriċi tirrifondih ukoll nofs il-kontribuzzjonijiet li huwa għamel għall-kondominju iżda ta' dawn il-ħlasijiet ma jġibx prova. Il-konvenut fil-fatt ma għandux jiġi rifuż ammonti tal-block *insurance* u l-fees tal-kondominju u dawn għandhom jibqgħu jitħallsu mill-konvenut sakemm id-dar tinbiegħ u dan minħabba l-fatt li l-effetti tagħhom qed igawdihom il-konvenut waħdu.

ii. <u>*Fir-rigward tal-assi mobbli ta' ġod-dar li jagħmlu parti mill-kommunjoni tal-akkwisti,*</u> il-Qorti tara li l-attriċi preżentat lista ta' assi mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali u l-konvenut ma kkontradixxiex din il-lista. Il-Qorti għalhekk tordna illi l-partijiet ibiegħu mad-dar matrimonjali dawk l-oġġetti li ma jistgħux jinqalgħu u jaqsmu l-bqija tal-oġġetti bejniethom. F'każ li l-partijiet ma jaslux għal pjan ta' qasma f'dan ir-rigward, l-oġġetti għandhom jinbiegħu bis-subbasta u r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet.

iii. <u>*Fir-rigward tal-oġġetti mixtrijin mill-ATRIUM li dwarhom jixhed Vittorio Bruno, financial controller ta' Inspirations Ltd.*[74]*,*</u> il-Qorti tara illi l-partijiet xtraw għadd ta' oġġetti mill-ħanut Atrium għad-dar li

[74] Fol. 1136.

xtraw ġewwa l-Mosta u daħlu fi ftehim mal-kumpanija Inspirations Ltd. li magħha kien jaħdem il-konvenut sabiex il-bilanċ tal-oġġetti li xtraw jitħallas bin-nifs. Kif jixhed is-Sur Bruno meta l-attriċi telqet mid-dar il-bilanċ ta' dawn l-oġġetti kien ta' sitt elef erba' mija u wieħed u erbgħin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (6,441.52) u l-attriċi tippretendi kreditu ta' nofs l-ammont li tħallas qabel ma hija telqet mid-dar.

Il-Qorti tara li xi oġġetti li nxtraw ser jibqgħu fid-dar bħal kċina li ma tinqalax u jinbiegħu mad-dar u għalhekk igawdu minnha ż-żewġ partijiet, filwaqt li oġġetti bħal kitla, siġġijiet etc. li qed igawdi minnhom il-konvenut jistgħu jinqasmu bejn il-partijiet u fin-nuqqas ta' ftehim jinbiegħu bis-subbasta. L-ebda parti ma ħaqha kreditu fuq dawn l-ammonti għaliex dawn, kif kellu jsir tħallsu mill-komunjoni.

iv. _Fir-rigward tal-vetturi li jagħmlu parti mill-kommunjoni tal-akkwisti,_ il-Qorti tara li fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2018[75] il-partijiet qablu li l-vetturi li jagħmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti jikkonsistu fis-segwenti:

a. Vettura tat-tip *Mazda Demio* bin-numru tar-reġistrazzjoni BEC 912 u li kienet tuża l-attriċi u

b. Vettura tat-tip *Hyundai I20* bin-numru tar-reġistrazzjoni IBT802 li kien juża l-konvenut

Jirriżulta illi fl-2018 il-vettura Hyundai kellha l-valur ta' sebat elef u tmien mitt Ewro (€7,800) kif jixhed ir-rappreżentat tal-*insurance* tal-istess karozza filwaqt li l-attriċi skrappjat il-vettura Mazda u xtrat karozza ġdida kif tixhed hi stess, madanakollu ma jirriżultax mill-provi data meta din il-karozza ġdida nxtrat u għalhekk kienx qabel jew wara ġiet terminata l-komunjoni u għalhekk il-Qorti ma tistax tiddeċiedi dwar din il-vettura.

Il-Qorti tordna li ma ssir l-ebda ekwiparazzjoni rigward il-vetturi u li l-konvenut iżomm il-vettura tat-tip Hyundai mingħajr ma jħallas ammonti

[75] Fol. 908.

lill-attriċi u l-attriċi tibqa' żżomm il-vettura mixtrija minnha mingħajr ma tħallas ammonti lill-konvenut.

v. *Fir-rigward tal-kontijiet bankarji,* mix-xhieda tar-rappreżentanti tal-Banek il-Qorti tara li l-kontijiet attivi huma s-segwenti, kollha mal-Bank BOV:[76]

a. Kont f'isem il-konvenut tat-tip Savings bin-numru 40022230009[77] li fit-23 ta' Diċembru 2017 kellu bilanċ ta' elf tmien mija u erbgħa u sebgħin Ewro u ħames ċenteżmi (€1,874.05);

b. Kont f'isem l-attriċi tat-tip Current bin-numru 16311558015[78] li fit-28 ta' Frar 2018 kellu bilanċ ta' elf ħames mija u tmienja u tletin Ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€1,538.53);

c. Kont f'isem l-attriċi tat-tip Savings bin-numru 16312480043[79] li fit-23 ta' Diċembru 2017 kellu bilanċ ta' mija u għaxar Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€110.51);

d. *House-loan* f'isem iż-żewġ partijiet bin-numru 4002242773-1[80] li sat-2 ta' Marzu 2018 kien hemm żbilanċ ta' sitta u tmenin elf sitt mija u sebgħa u ħamsin Ewro u wieħed ċenteżmu (€86,657.01);

e. Kont f'isem iż-żewġ partijiet tat-tip Savings bin-numru 40022535474[81] li fit-23 ta' Diċembru 2017 kellu bilanċ ta' seba' Ewro u tnax-il ċenteżmu (€7.12);

f. Kont f'isem il-konvenut tat-tip BOV VISA Classic[82];

g. Kont f'isem il-konvenut tat-tip BOV Mastercard[83];

---

[76] Seduta tad-9 t'April 2018 a fol. 24.
[77] Dok. JB1 a fol. 127.
[78] Dok. JB2 a fol. 165.
[79] Dok. JB 4 a fol. 506.
[80] Dok. JB12 a fol. 547.
[81] Dok. JB 13 a fol. 550.
[82] Fol. JB 15 a fol. 672.
[83] Dok. JB 17 a fol. 799.

h. Kont f'isem l-attriċi tat-tip BOV VISA Business[84];

i. Shares u Bonds mal-Vilhena Fund Management f'isem l-attriċi;[85]

Il-Qorti hija tal-fehma illi:

a. Il-kont konġunt tat-tip Savings għandu jingħalaq u l-bilanċ fil-kont in kwistjoni għandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

b. Dawk il-kontijiet li l-partijiet għandhom intestati fuq isimhom waħedhom, il-Qorti tordna li kull parti għandha żżomm dawk il-kontijiet bankarji ntestati f'isimhom u kif ukoll il-bilanċ miżmum fih.

c. Dwar il-*house loan* il-Qorti tipprovdi kif premess fit-taqsima i. - *Fir-rigward tad-dar matrimonjali bl-indirizz 146, Honey Valley Residence, Appt 1, Constitution Street, Mosta konsistenti f'appartament u żewġ garaxxijiet.*

d. Dwar is-shares u l-bonds li r-rappreżentanta tal-BOV tixhed li għandha l-attriċi mal-*Vilhena Fund Management* l-istess xhud tgħid li fuqhom jistgħu jixhdu rappreżentanti tal-*BOV Asset Management* u dawn qatt ma nġabu jixhdu u għalhekk il-Qorti ma tistax tiddeċiedi fuqhom *stante* nuqqas ta' prova suffiċjenti.

vi. *Fir-rigward tal-polza mal-MAPFRE MSV Life bin-numru FP486304*[86] meta tinbiegħ id-dar matrimonjali, il-polza għandha tiġi surrendered u r-rikavat jinqasam nofs bin-nofs.

*Fir-rigward ta' allegat dejn ma' parentela tal-partijiet,* ġie allegat hekk:

a. Is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) li omm l-attriċi tghid li sellfu lill-konvenut sabiex jixtri apparat neċessarju għal graphic design mill-Ingilterra;

[84] Dok. JB 19 a fol. 850.
[85] Fol. 27.
[86] Xhieda tar-rappreżentanta ta' MAPFRE MSV Life fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2018 a fol. 987.

b. Is-somma ta' tliet elef lira Maltin (Lm3,000) li allegatament tathom omm il-konvenut u li l-attriċi tgħid li bihom il-konvenut beda jħallas lis-*suppliers* tal-*istationery* u li l-konvenut jgħid li beda jħallas lis-*suppliers* biex ipatti lil ħuħ ta' self ta' sebat elef liri Maltin (Lm7,000) li kien tahom hu;

c. Is-somma ta' sebat elef liri Maltin (Lm7,000) li ħu l-konvenut Jude Taddeus C jgħid li sellef lill-partijiet sabiex jixtru l-post tan-Naxxar. Il-konvenut iżda jgħid li f'punt wieħed missieru kien qal lil ħuħ sabiex ma jibqax jinsisti li l-konvenut iħallsu peress li kienu magħfusin bil-flus;

Il-Qorti tara li ma tressqu l-ebda provi fir-rigward ta' ebda minn dawn l-allegazzjonijiet, u kif ukoll li hemm ċertu inkonsistenza fil-verżjonijiet. Il-Qorti tqis ukoll li dan id-dejn ma hux self bejn il-partijiet iżda dawn huma pretensjonijiet li t-terzi *se mai* għandhom ifittxu għalihom. Għalhekk il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni ta' dawn l-allegazzjonijiet.

<u>*Elenku tal-Assi Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tagħhom*</u>

Fir-rigward ta' beni li ma jiffurmawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll assi dotali u parafernali, fil-kawża odjerna l-Qorti tara li l-unika referenza li saret kienet mill-attriċi fejn tippreżenta lista ta' oġġetti li tgħid li huma parafernali tagħha. Omm l-attriċi wkoll issemmi lista li tgħid li tat lil bintha li huma msemmija mill-attriċi fil-lista tagħha. Il-konvenut ma jikkontestax dan u għalhekk il-Qorti tordna li l-lista ta' oġġetti kif imniżżla mill-attriċi għandhom jingħataw lilha u dan fi żmien xahar minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat:

*"1. Sottospecchio which belonged to mother;*
*2. Sewing machine which belonged to grandfather;*
*3. Showcase (vetrina) which belonged to mother;*
*4. 3 chests of drawers - a big one and a small one which belonged to mother, and the third one which can be found in the bathroom;*
*5. Beside table which belonged to mother;*
*6. Glass box containing a picture of the face of Christ which belonged to mother;*

*7. 2 wooden chests - one found in the main bedroom, and the other in the garage;*
*8. Wall clock;*
*9. Wooden cross of Jesus Christ"*

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi fis-sens illi tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet, iżda dan bi ħtijiet taż-żewġ partijiet bi tlett kwarti tal-ħtija qed tiġi attribwita lill-konvenut u kwart tal-ħtija qed tiġi attribwita lill-attriċi u tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament mill-konvenut;

2. Tiċħad it-tieni talba għar-raġunijiet premessi fit-taqsima erbgħa (4) ta' din is-sentenza u *ċioé* it-taqsima intitolata ***Manteniment għall-attriċi*** filwaqt li tilqa' t-talba fejn il-Qorti qed tintalab tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-dritt li jitlob manteniment mingħand martu l-attriċi*;*

3. Tilqa' t-tielet talba;

6. Tiċħad ir-raba' talba *stante* li l-Qorti ssib liż-żewġ partijiet ħatja tat-tkissir taż-żwieġ u dan kif spjegat fit-taqsima tlieta (3) ta' din is-sentenza u ċioé it-taqsima intitolata ***Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikoli 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Attriċi u l-Konvenut;***

4. Tiddeċiedi dwar il-ħames talba fis-sens illi t-talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ġja ġiet deċiża b'effett tas-Sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fl-20 ta' Frar 2020 u tillikwida u tiddividi u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif hemm premess fil-ħames (5) parti ta' din is-Sentenza u *ċioé* it-taqsima intitolata ***"It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak***

***kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti** u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali";*

5. Tilqa' s-sitt talba u tordna illi l-beni mobbli dotali u/jew parafernali għandhom jingħataw mill-konvenut lill-attriċi kif hemm premess fil-ħames (5) parti ta' din is-Sentenza u *ċioé* it-taqsima intitolata ***"**It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u* ***l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali*** speċifikament it-taqsima *Elenku tal-Assi Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tagħhom";*

6. Tilqa' s-seba' talba u tordna li l-bejgħ tad-dar matrimonjali jsir kif hemm premess fil-ħames (5) parti ta' din is-Sentenza u *ċioé* it-taqsima intitolata ***"**It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali";*

7. Tilqa' t-tmien talba u tawtorizza lill-attriċi sabiex tirreġistra din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż u drittijiet ta' din il-kawża jiġu sopportati in kwantu għal tliet partijiet minn erbgħa (3/4) mill-konvenut u parti waħda minn erbgħa (1/4) mill-attriċi.